DAWL GĦADD 400 • MEJJU - ĠUNJU 2020 • L-40 SENA

# FRANĠISKAN

LEĦEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN



FIX-XAHAR TA' MEJJU NFAKKRU JUM L-OMM.
NISKOPRU U NIDDEFENDU DEJJEM IS-SEJĦA TAGĦHA.

NEWSPAPER POST IISN 1811-5373

# WERREJ


3 **EDITORJAL**
Ix-xahar ta' Mejju: Ix-xahar tal-omm...
FR PHILIP CUTAJAR OFMCap

6 **IL-KAPUĊĊINI F'MALTA**
L-Aħwa Kapuċċini jkomplu ħidmithom bil-ferħ mal-morda fi kliemhom stess – P. Bertrand u P. Elmar f'isem l-oħrajn
FR SILVESTRU BONAVIA OFMCAP

9 **POEŻIJA**
Taħt ħarset ommi
FR WISTIN ATTARD OFMCap

10 **RIFLESSJONI**
Coronavirus - "Grazzi"
FR PHILIP CUTAJAR OFMCap

14 **SPIRITWALITÀ ĠUŻEPPINA**
Vari u pitturi b'suġġett ta' San Ġużepp patrun tal-Knisja universali. San Ġużepp – 150 sena patrun tal-Knisja universali (Il-Ħames Parti)
JOSEPH C. CAMILLERI BA; DEAM; M.ED. (PL. & MGT)

17 **MISSJONI**
Ħuna Mons. Joe Alessandro - 50 sena saċerdot
FR PHILIP CUTAJAR OFMCap

21 **PASTORALI TAS-SAĦĦA**
Il-kuċċarina tal-barka tal-Mulej!
FR MARIO ATTARD OFMCap

23 Il-Papa Franġisku: "La tibżgħux"
Il-Covid-19 jgħallimna li aħna familja umana waħda

24 **KNISJA: ĦAJJA, ĦIDMA U AĦBARIJIET**
Il-Papa u l-isqfijiet iħeġġuna nitolbu aktar f'din il-pandemija u niskopru Alla xi jrid minna!
FR SILVESTRU BONAVIA OFMCAP

26 **AĦBARIJIET TAL-PROVINĊJA**
Mid-Djarju tal-Kapuċċini Maltin
BR MIGUEL ZAMMIT OFMCAP - SEGRETARJU PROVINĊJALI

30 **RIĊETTI TAL-QADDISIN**
Il-Madonna ta' Lourdes - Brodu tat-tiġieġ u dumplings
FR PAUL BUGEJA OFMCap

31 **KOMPETIZZJONI**
FR WISTIN ATTARD OFMCap





Ħsieb tal-faċċata

Fix-xahar ta' Mejju niftakru fiż-żewġ ommijiet tagħna. Niftakru fl-omm naturali li Alla tana biex bl-imħabba tagħtina trobbija xierqa. Niftakru wkoll f'MARIJA - L-OMM TAGĦNA L-BNEDMIN - li kuljum tiġbidna lejn is-sema pajjiżna.


## BORD EDITORJALI

Editur
Fr Philip Cutajar OFMCap

Amministratur
Dorian Holland OFS

Distributur Malta
Alfred Ebejer

Distributur Għawdex
Pierre E. Buttigieg OFS

Membri
Joe Debattista GFF
Silvana Galea - F.Act



Direzzjoni u Amministrazzjoni
Il-Kunvent tal-Kapuċċini,
Il-Furjana – FRN1211

Telefown: 2123 3874, 2122 5525, 2123 4949

Imejl: dawlfrangiskan@gmail.com



IISN 1811-5373

Disinn u Stampar: Best Print Co. Ltd
Telefown: 2168 0789



© Dawl Franġiskan 2020



Pubblikazzjoni Franġiskani Kapuċċini

Ħlas tal-Abbonament:
€10.00 fis-sena

Kull offerta barra mill-ħlas hi milqugħa bħala għajnuna għall-missjoni u għandha tintbagħat lid-Direttur:
Ċentru Missjoni Kapuċċini,
Il-Kunvent tal-Kapuċċini,
Il-Furjana – FRN1211

Kull korrispondenza, artikli, kitbiet u ittri biex jidhru fid-*DAWL FRANĠISKAN* għandhom jiġu indirizzati lill-editur. Id-Direzzjoni tirriserva d-dritt li tippubblika fid-*DAWL FRANĠISKAN* dawk l-artikli, ittri jew tagħrif ieħor li jidhrilha li jkunu jaqblu max-xejra tar-rivista.



FR PHILIP CUTAJAR OFMCap



# IX-XAHAR TA' MEJJU: IX-XAHAR TAL-OMM...

Għal darb'oħra wasalna fix-xahar ta' Mejju. Ix-xhur igerbu u diġà kważi wasalna f'nofs is-sena. U bħal kull sena matul ix-xahar ta' Mejju, xahar sabiħ li fih tfawwar il-milja tar-rebbiegħa, niftakru fiż-żewġ ommijiet tagħna. Niftakru fl-omm naturali li tatna l-ħajja u b'hekk niċċelebraw Jum l-Omm. Huwa xieraq li niddedikaw jum fis-sena lil dik li b'tant tbatija wilditna u flimkien ma' żewġha rabbietna, tatna l-aħjar edukazzjoni u formazzjoni dejjem mimlija bl-akbar imħabba.

Fix-xahar ta' Mejju niftakru f'omm oħra. Niftakru fl-omm tagħna Marija, Omm Alla u omm tagħna l-bnedmin. Anke dan huwa sewwa u xieraq li niċċelebrawh bl-akbar imħabba u venerazzjoni, meta niftakru din il-mara x'għamlet għalina li nemmnu, bħala protagonista flimkien ma' binha Ġesù għas-salvazzjoni tagħna. Niċċelebraw fix-xahar ta' Mejju lill-Madonna bħala omm l-umanità filwaqt li nħarsu lejha u nimitawha fil-virtujiet sbieħ u singulari tagħha.

## LILL-BENEFATTURI U L-ĦBIEB TAL-MISSJONI

Nixtiequ navżaw lilkom il-benefatturi u l-ħbieb tal-missjoni tagħna l-Kapuċċini fil-Kenja sabiex għal kull ċekk li tibagħtulna tispeċifikaw l-intenzjoni eżatta tagħkom, lil min u għal xiex qed tagħtu l-offerta tagħkom. Fuq l-istess ċekk tiktbu u tispeċifikaw:-

- Jekk inhu għotja għall-missjoni, ikteb: **Segretarjat Missjoni Kapuċċini**
- Jekk inhu għotja għar-rivista *Dawl Franġiskan*, ikteb: **Dawl Franġiskan**
- Jekk inhu għotja għat-tfal ta' Hola, ikteb: **Proġett Hola**

Dan qed isir skont normi ġodda li ħarġu mill-banek f'Malta. **GRAZZI!**



Ilkoll naqblu li m'hemmx għalfejn jiġi Jum l-Omm sabiex nuru l-imħabba u r-rispett tagħna lejn l-omm naturali li wilditna bħala bnedmin. Dawn jeħtieġ li nuruhom matul is-sena kollha. Daqstant ieħor m'hemmx għalfejn jiġi x-xahar ta' Mejju sabiex nuru d-devozzjoni tagħna lejn Ommna Marija. Din għandna nuruha matul is-sena kollha, matul ħajjitna kollha. Kuljum aħna msejħin sabiex fuq kollox infittxu l-virtujiet li kellha din l-omm qaddisa u fuq kollox nimitawha.

## IL-PAPA FRANĠISKU U L-MADONNA

Jekk huwa minnu li aħna fl-isem tagħna għandna marbut magħna l-istess destin u identità, għall-Papa Franġisku dan huwa minnu. Fl-isem magħżul mill-ġenituri tiegħu – dak ta' Jorge Mario – diġà nsibu l-motiv tal-imħabba, li dak li llum huwa l-Papa Franġisku kellu u għad għandu lejn il-Madonna. U dan huwa sentiment reliġjuż li huwa wirtu minn ommu Regina Maria Sivori u minn missieru Mario Bergoglio. It-tlieta li huma ma' isimhom hemm l-isem ta' Maria/Mario b'referenza għad-devozzjoni lejn il-Madonna.

Il-Papa Franġisku ġie mgħammed fil-jum tal-Milied tas-sena 1936, fil-bażilika ddedikata lil Marija Awżiljatriċi Għajnuna tal-Insara, fil-Barrio Flores ta' Buenos Aires, fejn il-familja tiegħu kienet tgħix bħala emigranti Taljani mill-Piemonte. Meta huwa sar isqof, kien ta' kull sena, nhar l-24 ta' Mejju, imur imexxi l-festa solenni li tiġi ċċelebrata proprju f'din il-bażilika. Bħala saċerdot reliġjuż ta' spiss kien imur iżur bil-karozza tal-linja din il-knisja Marjana fejn ġie mgħammed, bil-għan li jinġabar fis-skiet u t-talb lill-Madonna, li minn dejjem kellu devozzjoni kbira lejha.

## IMMEDJATAMENT KIF SAR PAPA

L-ewwel ħaġa li għamel hekk kif intgħażel bħala papa u ħa l-isem ta' Franġisku, għall-qaddis San Franġisk t'Assisi, Bergoglio, proprju l-għada, mar jippreżenta bukkett fjuri lill-Madonna taħt it-titlu tal-Verġni Maria 'Salus Populi Romani' fil-bażilika ta' Santa Maria Maggiore. Kif kien qal hu stess: *"Jiena għamilt dan il-ġest bl-akbar devozzjoni bil-għan li nitlob lil Marija Ommna sabiex tissieħeb miegħi u tħarisni f'dan il-ministeru ġdid li l-Knisja qed titlob minni."*

## IL-MADONNA TAL-GĦOQIEDI

Kien proprju fis-snin 80, filwaqt li kien qed jistudja fil-Ġermanja, meta skopra d-devozzjoni lejn il-Madonna ***"Knotenlöserin" – Il-Madonna li tħoll l-għoqiedi,*** pittura ta' Johann Georg Melchior Schmidtner, li tinsab fil-knisja ta' St Peter am





Perlach, fin-naħa t'isfel tal-Bavarja. Din ix-xbieha tant laqtet lil Jorge Bergoglio li ħa miegħu lura lejn l-Arġentina santi tagħha, bil-għan li jxerred anke f'pajjiżu din id-devozzjoni, liema devozzjoni bdiet issa dieħla anke fil-gżejjer tagħna.

## DIVERSI TITLI LILL-MADONNA

Għalkemm lill-Madonna nagħtuha litanija twila ta' titli, nafu li Madonna waħda hemm. L-aqwa titlu li bħala Kattoliċi nagħtuha huwa dak ta' Marija Omm Alla. It-titli l-oħra kollha jingħataw lilha proprju għax hija Omm Alla. Hija verġni-omm għax hija Omm Alla, hija immakulata għax hija Omm Alla, hija mtellgħa s-sema bir-ruħ u l-ġisem għax hija Omm Alla, u hekk il-bqija tal-privileġġi u titli li nagħtu lil din il-mara singulari.

Il-Papa Franġisku, fid-diskorsi Marjani tiegħu, ma jonqosx milli jagħti lill-Madonna dawk it-titli li huma ferm għal qalbu. Minbarra dak li diġà semmejna, dwar il-Madonna li tħoll l-għoqiedi, bħala dik l-Omm li dejjem tinterċedi għalina, huwa wkoll kien iħares lejn il-Madonna b'diversi titli oħrajn. Fosthom jispikkaw dawk meta lil Marija, minbarra li jivveneraha bħala Omm Alla u mudell tal-Knisja, kien ukoll isejħilha "oħtna bħala bint Adam - ħabiba tal-bnedmin kollha, anke tal-midinbin - li tissieħeb magħna fil-vjaġġ tal-ħajja - dejjem qrib tagħna bħala omm - mimlija bit-tama - il-mara li taf tistenna - umli - ħelwa - ubbidjenti - li tilqa' bi mħabba u tħaddan - kollha fedeltà - kollha sabar u tenerezza - kollha ħniena - kapaċi tisma' - attenta". Dawn huma kollha titli nistgħu ngħidu marbuta mat-titlu li l-Konċilju Vatikan II, fil-*Lumen Gentium*, jagħti lill-Madonna, bħala mudell u xebh tal-Knisja.

## MARIJA - L-OMM DEJJEM PRONTA

Meta l-Papa Franġisku jimmedita s-siltiet evanġeliċi li jitkellmu dwar Marija Omm Ġesù, jilmaħ fihom il-prontezza li hija dejjem kienet turi fit-tweġibiet tagħha, kemm lil Alla kif ukoll lill-bnedmin. Fit-tħabbira tal-Anġlu biex jgħarrafha li kienet ġiet magħżula li tkun Omm Alla hija kienet pronta tgħid iva. Qalet iva wkoll sabiex tmur tgħin lill-qariba tagħha Santa Eliżabetta, meta saret taf li din kellha diġà 9 xhur tqala: *"Minnufih marret tħaffef lejn l-għoljiet..."* Daqstant ieħor kienet pronta tmur tissieħeb ma' binha Ġesù fil-mixja tiegħu lejn il-Kalvarju, u baqgħet hemm miegħu taħt is-salib. Baqgħet miegħu sakemm il-ġebla tal-qabar firditħom.

Hawnhekk il-Papa, filwaqt li jimmedita l-prontezza ta' Marija, jgħidilna li hija hekk għadha u tibqa' magħna. Meta mmorru għandha biex nitolbuha l-ħtiġijiet tagħna, hija tkun pronta u tinterċedi għalina.

Filwaqt li bħala Maltin u Għawdxin, poplu Marjan li nħobbu ħafna lill-Madonna, matul dan ix-xahar ta' Mejju nkomplu nersqu lejha fil-ħtiġijiet tagħna u ta' pajjiżna, fuq kollox inpoġġuha bħala mudell tal-virtujiet fil-ħajja tagħna. Inkunu tassew uliedha billi nsiru aktar nixbhuha. ■



FR SILVESTRU BONAVIA OFMCap



# L-AĦWA KAPUĊĊINI JKOMPLU ĦIDMITHOM BIL-FERĦ MAL-MORDA

## Fi kliemhom stess – P. Bertrand u P. Elmar f'isem l-oħrajn




Ftit qabel l-Għid il-Kbir, għid tassew speċjali u differenti minn dawk kollha tas-snin ta' qabel, ħutna l-Kappillani Mario Borg, Bertrand Vella, Elmar Pace u Mario Attard għażlu li joffru ħajjithom u jkomplu bil-ħidma mal-morda, anke dawk milqutin mill-virus Covid-19, ġewwa l-isptarijiet Mater Dei u Sir Anthony Mamo. Ma' dawn hemm ukoll Ħuna Fr Hayden Williams fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin. Aħna lkoll, fil-kunventi f'Malta u Għawdex, ninsabu magħhom bit-talb u bil-ħsieb tagħna u nitolbu għal dan il-għan ukoll.

F'dawn il-jiem P. Philip Cutajar għamel intervista lil tnejn minn dawn ħutna, u hawn qed inwasslulkom siltiet importanti minnha. L-aktar li tkellem kien P. Bertrand, li mill-ewwel qal li huwa u sħabu l-kappillani jinsabu kuntenti ħafna joffru din ħidmithom flimkien għall-ġid tal-morda u ta' dawk kollha, f'kull grad, li jaħdmu magħhom fl-isptarijiet:

*"F'dan il-mument ukoll aħna ridna nkunu qrib il-morda bħala chaplains Franġiskani Kapuċċini flimkien mat-tobba, in-nurses u l-health workers. Is-sehem tagħna hawn fl-isptar huwa parti integrali mill-istruttura tal-isptar. Il-marid mhux biss huwa bniedem b'ġisem li għandu bżonn kura, imma għandu ruħ li aħna rridu nieħdu ħsieb ukoll meta jiġi rikoverat fl-isptar. Dan huwa s-sehem tagħna, li huwa rikonoxxut, apprezzat u meqjus bżonjuż mill-*




*It-3 Aħwa Kapuċċini li baqgħu jservu f'Mater Dei Ħutna Bertrand Vella, Mario Borg u Elmar Pace*

*amministrazzjoni tal-istess sptar Mater Dei."*

P. Bertrand ikompli li minħabba ċ-ċirkustanzi speċjali li qegħdin fihom kien meħtieġ li jittieħdu l-prekawzjonijiet kollha biex huma ma jittiħdux bil-virus u lanqas ikunu kawża tat-tixrid tiegħu. Għalhekk il-kappillani se jibqgħu locked-in fl-isptar. Dawk il-kappillani li kellhom xi raġuni ta' saħħa, kundizzjoni ta' mard jew età kellhom jiġu rtirati u *"aħna t-tlieta f'Mater Dei, u Ħuna Mario Attard fl-Isptar tal-Onkoloġija, offrejna li nkunu hawn il-ħinijiet kollha,"* jistqarr P. Bertrand. *"Ħuna Elmar, li ma kienx magħna qabel, offra ruħu."*

## "ĦAFNA GĦAL QALBHOM"

Fil-fatt meta P. Elmar ġie mistoqsi kif iħossu li kellu jidħol l-isptar biex iwettaq dil-ħidma f'dan il-waqt diffiċli, huwa qal:

*"Jien mill-ewwel nistqarr li qiegħed ħafna għal qalbi f'dil-ħidma mal-morda u mal-istaff ġewwa l-isptar... Dejjem xtaqt inkun qrib il-morda. Jien u sħabi qegħdin hawn flimkien 24 siegħa kuljum, sebat ijiem fil-ġimgħa... Nagħmlu minn kollox u bil-ferħ; minbarra li nkunu ta' sapport u għajnuna għall-morda, l-istaff mediku u l-ħaddiema kollha li hawn fl-isptar, aħna ngħinu b'kull mod li nistgħu lill-impjegati kollha b'kelma ta' kuraġġ biex ikabbru l-fiduċja f'din is-sitwazzjoni bla preċedent."*



*L-Aħwa f'Mater Dei waqt il-ħin tat-talb fil-kappella tal-isptar*

P. Bertrand, waqt li kien qed jitkellem, qalilna li għalkemm bħalissa quddies mhux isir bħal qabel, biex jimxu mad-direttivi tal-Knisja f'Malta, il-kappella tinsab dejjem miftuħa: *"L-awtoritajiet tas-saħħa, fil-preżenza tal-Ministru Fearne – li kellna wkoll laqgħa miegħu – iħossu l-bżonn li l-kappella tibqa' miftuħa, għaliex minn hawn jieħdu ċerta qawwa, u min irid jista' jieqaf ftit fil-preżenza ta' Ġesù."*

*"Aħna wkoll qed ikollna ċ-ċans, speċjalment meta nkunu night duty filgħaxija, għax dakinhar filgħodu nkunu nistrieħu ftit imma nkunu preżenti fil-kappella. Nemmen li din il-preżenza tagħna fil-kappella qed tkun ukoll ta' xhieda. L-ewwel nett aħna nitolbu għal dawk kollha li niltaqgħu magħhom fl-isptar, imma*



L-Aħwa Kapuċċini f'Mater Dei bl-uniformi l-ġdida minflok il-labtu Frangiskan

*wkoll mingħand l-istess Ġesù aħna nieħdu dik il-qawwa li għandna bżonn biex inkomplu nkunu ta' servizz f'din il-missjoni. Għax bħalma karozza jkollha bżonn il-petrol jew id-diesel biex tibqa' għaddejja, hekk aħna wkoll ikollna bżonn dawn il-mumenti ta' intimità, flimkien mal-Mulej, biex jagħtina l-qawwa sabiex inkomplu għaddejjin."* Huwa kompla: *"Diversi persuni jiġu wkoll ikellmuna waqt li jarawna bilqiegħda fuq il-bankijiet fil-kappella; dawn jieħdu l-okkażjoni biex jgħidu xi kelma u kultant forsi jqerru; uħud ukoll jitolbu biex jitqarbnu. Għax dan huwa mument li qed jurina kemm huwa kbir il-bżonn ta' Alla f'ħajjitna u anke fil-ħajja ta' dawk li naħdmu magħhom."*

## DIRETT MAL-MORDA BIL-COVID-19

Meta kien mistoqsi kif iwasslu 'l Kristu u s-sagramenti lill-morda bil-Covid-19, P. Bertrand stqarr:

*"Mal-pazjenti morda bil-virus, aħna l-ewwel nippruvaw inkellmuh jew inkellmuha bil-mobile jew bit-tablet li hemm f'kull sala. Jekk matul id-diskursata l-marid jiżviluppa jew juri x-xewqa li jqerr, mill-ewwel ngħidulu jagħmel l-att tal-indiema. Ninżlu fis-sala u mill-bieb tas-sala ngħidu lill-morda l-oħrajn jagħmlu wkoll hekk, u nagħtu l-assoluzzjoni ġenerali. Dan huwa skont id-direttivi tal-Vatikan u wkoll kif ġew spjegati lilna mill-Arċisqof tagħna. Barra dan, aħna hawn f'dan il-waqt ġejna mogħtija mill-awtoritajiet tal-isptar l-ilbies protettiv biex nevitaw kemm jista' jkun li ninfettaw irwieħna jew inkunu kawża li nxerrdu l-virus. B'dispjaċir kellna ma nużawx il-laptu li bih konna ningħarfu mill-ewwel, imma fuq dil-libsa protettiva kull wieħed minna għandu ismu miktub, bil-kelma CHAPLAIN, biex ningħarfu mill-ewwel. Dan l-ilbies jiswa ħafna, u f'bosta pajjiżi, inklużi l-Amerika, l-Ingilterra u l-Italja, huwa out of stock. Imma l-awtoritajiet riedu li aħna jkollna wkoll, biex inkunu nistgħu nkomplu ħidmitna."*

*"Ukoll meta xi pazjent ikun irid jitqarben, nieħdu l-ewkaristija, inqegħduha fi swab, li hija bħal garża, u nagħtuha lin-nurse li jkun qed jikkurah biex iqarbnu hu. Għas-sagrament tal-griżma tal-morda nidħlu aħna u nagħtu dan is-sagrament*



*bit-talb miegħu u kelma ta' faraġ li l-morda japprezzaw ħafna. Hekk aħna, filwaqt li nħarsu lilna nfusna kemm nistgħu, fl-istess waqt inkunu qrib kemm jista' jkun tal-morda fil-ħtiġijiet tagħhom."*

P. Bertrand tkellem fuq il-marda u l-effetti tagħha fid-dinja. Huwa qalilna: *"Aħna naħsbu, kif qal il-Papa Franġisku, li nistgħu nikkontrollaw id-dinja! Imma dan il-virus niżżilna għarkupptejna, għax nagħrfu kemm huwa kbir il-bżonn ta' Alla f'ħajjitna. Dan il-virus uriena kemm neħtieġu tassew lil Alla f'ħajjitna u nduru lejn dak ix-xi ħadd aqwa minna. Aħna li nemmnu nafu li dan huwa Alla, li lilu nitolbu biex iħenn għalina u jgħinna."*

P. Bertrand, qabel spiċċa, qal: *"Jien ma nistax intemm il-ġurnata, jew nibdieha, mingħajr ma nerġa' npoġġi quddiem il-Mulej dawk il-persuni li mal-jum inkun iltqajt magħhom fit-tbatija li jkunu għaddejjin minnha u mit-toqol tas-salib li jkollhom."*

U fl-aħħar nett, permezz tad-*Dawl Franġiskan*, l-Aħwa Kappillani jroddu ħajr lil kull min jitlob għalihom u għall-morda u huma jkomplu jitolbu t-talb tal-komunità Nisranija biex din l-esperjenza tgħaddi b'wiċċ il-ġid. ■

POEŻIJA

FR WISTIN ATTARD OFMCap



# TAĦT ĦARSET OMMI



Omm ħelwa Marija,
li tisma' t-taħbit
tal-qlub li jsejħulek
fl-uġigħ u t-tnegħid,

x'ħerq'għandi li nisma'
minn fommok l-aħbar
fuq ommi. Fejn qiegħda?
Hijiex ħafn'aħjar

mill-ħajja li għexet
titħabat fid-dar,
tistinka u tagħnet
billejl u binhar?

Għidilha li nħobbha.
Dan biss kulma rrid:
inħoss idha żżiegħel
ma' wiċċi mill-ġdid,

u nisma' leħinha
ta' ħlewwa bla qies,
ħafn'isbaħ mill-għanja
tat-tajra fis-sies.

---

Iv'ommok hawn qiegħda
maġenbi tistrieħ,
tidħaklek u tħarsek
mal-kotra t'erwieħ.

Fuq l-art kienet tbennek
u tgħożżok qatigħ,
u trossok fi ħdanha;
kont x'kont, kont sabiħ!

Illum taħt għajnejha
mis-sema mdawlin,
tarak bil-wisq isbaħ:
bħall-anġli ħelwin. ■

FR PHILIP CUTAJAR OFMCap



# CORONAVIRUS - "GRAZZI"

Ilkoll kemm aħna bħalissa għaddejjin mill-istess esperjenza.

Int min int... int fejn int.

Ilkoll qed naqsmu din l-esperjenza li tbeżżagħna u anke twerwirna... l-esperjenza tal-qilla tal-coronavirus... dan il-virus li b'għajnejna ma narawhx imma nafu li qiegħed hemm... nafu li qiegħed hemm mhux biss għax jgħidulna bih it-tobba imma fuq kollox għax għalkemm m'aħniex narawh, imma qed naraw u nsofru l-effetti qerrieda tiegħu.

**GĦAŻIŻ CORONAVIRUS!**

Kemm sirt popolari! Hadt fama mondjali... id-dinja kollha saret taf bik... u malajr! Fi ftit ġranet kulħadd jitkellem fuqek u dwarek... kulħadd isaqsi għalik... kulħadd irid ikun jaf aktar fuqek... kulħadd isaqsi: Min int? Minn fejn ġejt? Kif twelidt jew min welldek? Min hi ommok u l-ġuf li trabbejt fih u li minnu ħriġt? X'inhi l-identità tiegħek? Kif tagħmel biex minn persuna tgħaddi għal oħra... minn dar għal oħra... minn raħal għal ieħor... minn belt għal oħra... saħansitra minn pajjiż għal ieħor u minn kontinent għal ieħor... u dan kollu b'ħeffa li tgħaġġbek!



Kulħadd isaqsi fuqek u dwarek... mhux għax qed togħġobna, tafx! Nixtiequ nagħmlu ħbieb miegħek... mhux għax għandek fik xi kwalitajiet li bihom issaħħarna u tiġbidna lejk, imma għall-kuntrarju. Insaqsu dwarek, irridu nkunu nafu aktar fuqek u dwarek sabiex neqirduk, neħilsu minnek, inwarrbuk, inbegħduk minna... niġġildulek u ma nħallukx tinxtered u tirbaħ hekk kif għadek tagħmel sa issa.

U propju meta naraw il-ħerba u l-vittmi li qed tħalli warajk tbeżżagħna – twerwirna – iddaħħalna f'paniku, f'inċertezza dwar għada... il-futur! Imma madanakollu... għalkemm ġejna wiċċ imb wiċċ mal-kruha tiegħek, int l-imsejjaħ 'coronavirus', u mal-beżgħat li qed tiżra' fina u madwarna, xorta waħda rrid ngħidlek 'grazzi'.

**GĦAŻIŻ CORONAVIRUS**

Ma rridx inħares lejk biss b'attitudni negattiva billi nilmaħ fik il-qerda, il-beżgħat li qed toħloq fl-umanità u l-vittmi li qed titfa' f'qiegħ ta' sodda... fis-swali tal-isptarijiet, fis-swali tat-terapija intensiva... saħansitra l-vittmi li qed titfa' fl-oqbra, fejn jindifnu bla ma tagħtihom iċ-ċans li jaraw, isellmu u jgħannqu lill-għeżież familjari u ħbieb tagħhom... vittmi li qed jindifnu bla funeral

dinjituż hekk kif dejjem ħolmu u xtaqu li jkollhom.

Imma madanakollu xorta waħda nixtieq ngħidlek 'grazzi'.

### GĦAŻIŻ CORONAVIRUS...

Grazzi! Kos, imnalla kont int! Jiddependi kif inħares lejk! Nista' nħares lejk mill-aspett ta' biża' u qerda... mill-aspett tal-mard li qed toħloq u l-qerda li qed tiżra'.

Imma llum nixtieq inħares lejk mill-aspett pożittiv u nerġa' ngħid... "Imnalla kont int!"

### IMNALLA KONT INT!

Għax qed iġġibna f'sensina... qed tqajjimna mir-raqda li għal snin twal ilna reqdin fiha... qed tqajjimna mit-telfa li fiha konna mitlufin. Konna storduti u qed iġġibna f'sensina... konna mitlufin f'ħajja mgħaġġla, f'ħajja sfrenata, f'ħajja li fiha għandna ħin għal kollox minbarra għal Alla, minbarra għall-familja li ngħidu li tant inħobbu. Għandna ħin għal kollox minbarra għalina nfusna.

Konna wisq impenjati, mitlufin, illuppjati u aljenati, għaddejjin f'ħajja mgħaġġla bla ma stajna nagħmlu l-ebda waqfa. Il-ħajja mgħaġġla... wisq mgħaġġla... Ta' spiss ngħidu: *"Il-ħajja kemm saret mgħaġġla!"* u nippruvaw dejjem inwaħħlu f'xi ħadd... u nwaħħlu fil-ħajja u ngħidu li l-ħajja saret mgħaġġla u mhux li aħna għamilnieha mgħaġġla... donnu l-ħajja hija realtà li ssir weħedha u ninsew, jew jaqblilna taparsi ninsew, li l-ħajja hija dik li



nagħmluha aħna... aħna l-protagonisti tal-ħajja. Ninsew li aħna naħsdu dak li niżirgħu. Huwa aħna li qed nagħmluha mgħaġġla!

### IMMA INTI ISSA... GĦAŻIŻ CORONAVIRUS...

Qed iġġagħalna nindunaw bil-ħajja mgħaġġla li konna qed ngħixu... ħajja tant mgħaġġla li qatt ma konna kapaċi nwaqqfuha. Imma issa iva. Aħna ma konniex jew aħjar qatt ma ridna nwaqqfu l-ħajja mgħaġġla – għalkemm ingergru bil-ħajja mgħaġġla, konna kuntenti għax m'għamilna qatt xejn biex inwaqqfuha.

Kellek tiġi int, għażiż Coronavirus, biex twaqqaf il-ħajja sfrenata li konna għaddejjin biha.

Irridu u ma rridux kellna nieqfu... nieqfu mix-xogħol, nieqfu mid-divertiment, mill-ħruġ bla rażan... u saħansitra obbligajtna nagħlqu l-postijiet tax-xogħol, il-ħwienet fejn stajna niddevertu, il-lukandi lussużi, u ningħalqu fi djarna. Obbligajtna ninqaflu fi djarna... u jekk le nistgħu nimirdu bik jew immarrdu lill-oħrajn. Jekk le, nidħlu f'riskju li tibgħatna l-qabar.

### KELLEK TKUN INT, GĦAŻIŻ CORONAVIRUS

Sabiex tikkonvinċina li l-ħajja hija rigal... rigal mogħti lilna mill-Kreatur... rigal li jiftaħ toroq ġodda, opportunitaijiet ġodda... opportunitajiet fosthom li nitgħallem ngħix aktar milli neżisti.

Sakemm ġejt inti, Sur Coronavirus... sakemm ġejt inti aħna konna qed neżistu aktar milli ngħixu. Kellek tiġi inti biex iġġibna f'sensina u tgħallimna ngħixu l-vera ħajja aktar milli sempliċiment neżistu...

Qed tagħtina opportunitajiet ġodda li jkabbruna, li jimmaturawna, għax dan konna qed nitilfuh.

Kellek tkun int li ġġibna f'sensina, u għalhekk ngħidlek 'grazzi'.

Issa bil-miġja tiegħek fostna rnexxielek iġġibna f'postna... niżżiltna għarkupptejna... niżżilt għarkupptejna lilna lkoll:

• **inklużi s-setgħanin**, li kienu qed jaħsbu li għalihom ħadd ma jista'...

• **lill-politiċi**, li kienu jaħsbu li huma biss jippjanaw... li r-riedni tal-ħajja huwa f'idejhom u li l-iżvilupp tal-ekonomija huwa totalment u unikament f'idejhom!

• **Niżżilt għarkupptejha l-ekonomija**... minn qligħ u ossessjoni għall-qligħ... jiswa kemm jiswa u jiswa x'jiswa... għal falliment.

• **Niżżilt għarkupptejhom lix-xjenzati**, għax huma wkoll quddiemek baqgħu maħsuda, inċerti, nifishom maqtugħ, isaqsu bla ma jsibu tweġibiet... ipparalizzati! Ix-xjenza qed tħossha telliefa, umiljata, muta, bla kliem... bla soluzzjonijiet!

**U għal dan ngħidlek, "Iva, grazzi, għażiż Coronavirus..."**
Għax qed iġġagħalna mill-ġdid niskopru li fuq Alla m'hemm ħadd. Aħna konna qed inwarrbu lil Alla u nagħmlu lilna nfusna allat... imma x'ġid kbir qed tagħmel magħna, billi qed tniżżilna għarkupptejna quddiem Alla l-Ħallieq, Alla s-setgħani, Alla li għad għandu f'idejh l-istorja tal-ħajja tal-umanità... l-istorja ta' ħajti u tal-ħajja ta' kull maħluq.

**Grazzi, għażiż CoronaVirus...**
Għax ġibtna f'sensina biex nużaw aħjar, issa, il-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali. Dawn konna qed nużawhom biex ngħajru lil xulxin, biex noffendu lil xulxin, biex numiljaw lil xulxin... Konna qed nużawhom biex inbaxxu lill-bniedem bil-pornografija, konna qed nużawhom għall-qligħ tal-flus, għall-gwadann politiku, għaż-żieda fil-kummerċ... Kienu qed isiru mezz ta' ħakma u ħafna drabi propaganda falza, qarrieqa, giddieba, egoista... u b'hekk konna qed insiru skjavi ta' dawn l-istess mezzi li għandna f'idejna.

Imma issa qed nużaw il-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali li għandna għad-dispożizzjoni tagħna:

- biex nitolbu aktar u aħjar;
- biex inwasslu informazzjoni utli dwarek u kif neħilsu minnek, Sur Coronavirus... u kif nibżgħu aktar għal ħajjitna;
- biex nagħtu aktar kuraġġ lil xulxin;
- biex nuru aktar solidarjetà bejnietna;
- biex inferrħu lil xulxin anke billi b'sens umoristiku ngħaddu xi ċajta lil xulxin bil-għan li niksru l-ansjetà, il-biżgħat u t-tensjoni li minħabba fik qed jirkbuna.

**GRAZZI, GĦAŻIŻ CORONAVIRUS...**
Għax kellek tkun int biex tgħallimna nużaw aħjar l-internet, il-Facebook, it-Twitter, il-Messenger, il-WhatsApp u kull mezz ta' komunikazzjoni biex nagħmlu bihom aktar ġid milli ħsara.

Konna separati minn xulxin, egoisti, individwalisti, ma jimpurtaniex mill-ieħor u mill-oħra, m'għandniex ħin għal xulxin. Imma issa obbligajtna ningħalqu d-dar u b'hekk qed ngħixu aktar qrib xulxin u ma' xulxin, moħħna biex nieħdu ħsieb xulxin, għandna aktar ħin għal xulxin.

**IRNEXXIELEK, GĦAŻIŻ CORONAVIRUS...**
Tqajjem fina sens ta' solidarjetà. Qed niskopru aktar lil xulxin; qed nagħrfu u napprezzaw aktar lil xulxin. Fuq kollox qed napprezzaw aktar il-valur tax-xogħol tat-tobba u l-infermiera. Kellek tkun int, Coronavirus, biex noħorġu fit-twieqi u l-gallariji tagħna sabiex nagħtu ċapċipa mistħoqqa lit-tobba tagħna. Qatt m'għamilnieha qabel. Konna neħduhom wisq for granted!

Kellek tkun int biex iġġibna f'sensina ħalli nieħdu aktar bis-serjetà u bl-akbar responsabiltà saħħitna u nibżgħu għaliha.

Kellek tkun int, Sur Coronavirus, biex tressaqna aktar lejn Alla li konna qed inwarrbu. Issa li t-tempji tal-knejjes tagħna huma magħluqin qed iġġagħalna nħossu n-nuqqas tagħhom. Meta kienu miftuħin ma konniex immorru, jew

meta morna għamilna dan bi drawwa u mhux b'konvinzjoni. Issa li huma magħluqin qed nissammru quddiem it-televiżjoni u nieħdu sehem mhux f'quddiesa waħda, imma anke tnejn jekk mhux tlieta.

Issa li darba konna tbegħedna mill-qrar, qed insaqsu xi rridu nagħmlu biex immorru nqerru ladarba l-knejjes magħluqin.

Issa qed iġġibna iżjed f'sensina sabiex napprezzaw aktar it-talb, is-saċerdoti, il-quddies ta' kuljum, l-Ewkaristija u t-tqarbin.

### NAGĦLAQ DIN IR-RIFLESSJONI TIEGĦI BILLI MILL-ĠDID...

Għażiż Coronavirus, ngħidlek grazzi! Dak li għandek mhuwiex kollu ħażin... Hemm fik it-tajjeb, u ta' dan it-tajjeb nixtieq ngħidlek 'grazzi'.

Grazzi li bil-mawra tiegħek fostna qed iġġibna aktar:

- qrib ta' Alla l-Ħallieq, sid is-sema u l-art, il-mexxej tal-istorja tal-umanità, tiegħi u ta' kull wieħed mill-bnedmin;
- qrib tagħna nfusna... Konna nsejna kif u x'għandna nagħmlu biex inħobbu lilna nfusna, nieħdu ħsieb tagħna nfusna billi aktar ngħixu milli neżistu;
- qrib tal-familji tagħna, li konna qed nabbandunaw... imma issa qed ikollna aktar ħin flimkien... aktar ħin għal xulxin;
- qrib tal-oħrajn, speċjalment ta' dawk li qed ibatu, jew qed isofru għax huma morda, u qed tgħallimna nkunu aktar solidali ma' kulħadd. Qed tgħallimna nħobbu aktar lil xulxin billi filwaqt li nieħdu ħsieb saħħitna nifhem li nkunu qed nieħdu ħsieb is-saħħa tal-oħrajn.
- Qed iġġibna wkoll qrib l-ambjent, li għall-egoiżmu tagħna konna qed neqirduh. Kemm ilek li ġejt inti, Coronavirus, id-dinja waqfet... Waqfu l-ajruplani, il-karozzi, il-vapuri, il-fabbriki bid-dħaħen li kienu qed jarmu... u b'hekk issa l-arja ssaffiet; m'għadhiex daqshekk kontaminata, imniġġsa! Iva, kellek tiġi int biex nindunaw li konna qed inkissru d-dinja li fiha qed ngħixu u lin-natura, li hija l-pulmun tal-ħolqien.




Grazzi, għażiż Coronavirus... Għandek fik innifsek qawwa qerrieda li tbeżża' u li twerwer... imma fik hemm ukoll kwalitajiet li bihom qed tagħmlilna ħafna ġid!

Fittex itlaq, illum qabel għada, minn ġo fina u minn fostna, ħalli tispiċċa din il-biża' li hemm fina, li f'qabar tista' titfagħna... imma meta titlaq, nittamaw li miegħek ma titlaqx ukoll it-tagħlima li tajtna, u għalhekk it-tajjeb li tkun ħallejt warajk inkomplu ngħożżuh, nibżgħu għalih, ngħadduh lil ta' warajna, ngħixuh... ħalli qatt u qatt ma nirrepetu l-żbalji li ħadna fl-imgħoddi.

***Tgħid sejrin nitgħallmu minn din l-esperjenza tal-miġja tiegħek, Coronavirus? Jew forsi ninsew u nirritornaw għall-ħajja sfrenata u egoista ta' qabel?***

***Jiddependi minni, minnek... minn kull wieħed u waħda minna.*** ■

JOSEPH C. CAMILLERI
BA; DEAM; M.ED. (PL. & MGT)



# VARI U PITTURI B'SUĠĠETT TA' SAN ĠUŻEPP PATRUN TAL-KNISJA UNIVERSALI

## 150 SENA PATRUN TAL-KNISJA UNIVERSALI (IL-ĦAMES PARTI)

Ħafna mill-vari Ġużeppini juru lil San Ġużepp flimkien max-xbieha ta' Ġesù Bambin bħala jew tarbija tal-idejn jew tfajjel. Fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ tar-Rabat, Għawdex insibu vara li turi lil dan il-qaddis bħala patrun universali tal-Knisja. Din il-vara saret minn Wistin Camilleri (1885-1979) fis-sena 1924.[1] Din il-vara tħallset minn Ġużepp Zammit (1892-1952) magħruf aktar bħala 'Tat-Tajjir'. Dan Ġużepp kien iben Luigi u Carmela mwielda Debono. Kien joqgħod fi Triq Santa Marija, jiġifieri fil-Mandraġġ, sewwasew faċċata ta' Triq l-Assunta.[2]

### ĦSARAT

Maż-żmien il-vara tfaċċawlha xi ħsarat, l-aktar fil-parti ta' wara tax-xbieha Ġużeppina, kif ukoll xi ċedimenti fl-istruttura fil-parti ta' isfel. Barra minn hekk l-induratura kienet kważi spiċċat għalkollox. Kien hemm bżonn ta' xi interventi. Daħal għal dan ix-xogħol wieħed mill-ulied ta' Wistin Camilleri – Michael Camilleri Cauchi – u n-neputi Adonai Camilleri Cauchi. Barra li r-restawratur ħadem fuq il-ħsarat, hu naddaf il-karnaġġjon u l-bqija taż-żebgħa, bl-għan li jagħti l-ilwien oriġinali lill-vara. Saret indoratura ġdida minn id Christian Debono.[3]

Dawn ix-xogħlijiet taw lura lill-komunità Nisranija din il-vara biex titgawda mill-pubbliku ġenerali. Barra minn hekk, permezz tal-vara hemm il-possibilità kbira li d-devozzjoni lejn dan il-qaddis tikber. Meta x-xogħol fuq il-vara kien lest, saret festa f'ġieħ San Ġużepp Ħaddiem fil-knisja Ġorġjana, sewwasew fl-1 ta' Mejju 2018, u anke purċissjoni. Dan ifisser li d-drawwa ta' purċissjoni Ġużeppina



rat qawmien ġdid f'din il-parroċċa Għawdxija wara aktar minn 60 sena.[4]

### IL-VARA

Il-vara hija waħda komplessa. Fiha erba' figuri – San Ġużepp, Ġesù Bambin, tfajla li tirrappreżenta lill-Knisja Nisranija, u anġlu bil-ġilju, is-simbolu tas-safa ta' dan il-qaddis. Storikament din il-

**REFERENZI**

1. Anonimu, *Proġetti u Opri Ġodda – Il-Belt Victoria*, Mejju-Awwissu 2018, nru 194, p. 6. Ara wkoll Anonimu, 'Aktar Tagħrif fuq l-Istatwa – L-Istatwa ta' San Ġużepp Irrestawrata – Il-Belt Victoria', Mejju- Awwissu 2018, nru 194, p. 7
2. Anonimu, 'Aktar Tagħrif fuq l-Istatwa – L-Istatwa ta' San Ġużepp Irrestawrata – Il-Belt Victoria', p. 7
3. Anonimu, *Proġetti u Opri Ġodda*..., op. cit., p. 6
4. Anonimu, 'Aktar Tagħrif fuq l-Istatwa...', op. cit., p. 7

vara hija waħda importanti. Kienet l-ewwel vara li ħarġet mill-istil tal-vari Ġużeppini, jiġifieri figura ta' San Ġużepp flimkien max-xbieha ta' Ġesù Bambin jew Ġesù tfajjel. Kellhom jgħaddu ħafna snin biex il-Kavallier Emvin Cremona ddisinja l-vara titulari tal-knisja parrokkjali ta' San Ġużepp Ħaddiem ta' Birkirkara. F'din il-vara naraw l-istess figuri tradizzjonali flimkien ma' tavla u mazza.

Fil-vara Rabtija naraw il-figura ewlenija ta' San Ġużepp. Miegħu jduru l-figuri l-oħra. F'id San Ġużepp hemm il-Bambin. Fil-bozzett San Ġużepp jidher iħares lejn il-Bambin waqt li fil-vara narawh b'wiċċu jħares 'l isfel – riflessjoni tal-umiltà, li kienet waħda mill-karatteristiċi tiegħu meta kien fostna fuq wiċċ l-art. Importanti wkoll il-ġest tal-id l-oħra ta' San Ġużepp. Din l-id qiegħda fuq ras it-tfajla, is-simbolu tal-Knisja Nisranija, il-qofol tas-suġġett tal-vara. It-tfajla tinsab għarkopptejha fuq sieq waħda. F'idejha hemm żewġ simboli li jirrappreżentaw il-Knisja.

## VARA OĦRA TAL-PATROĊINJU TA' SAN ĠUŻEPP

Din ma kinitx l-unika vara tal-patroċinju ta' San Ġużepp li ħadem Wistin Camilleri. L-ewwel waħda kienet dik li tinsab fil-knisja parrokkjali tas-Santissima Trinità fil-Marsa. Sas-sena 1916 din il-vara, flimkien ma' dawk tal-Madonna tar-Rużarju, ta' Ġesù Nazzarenu, tal-Madonna ta' Lourdes u ta' San Ġużepp, kienu diġà lesti f'posthom fil-knisja.[5] Hemm ħafna xebh bejn il-vara tal-Marsa u dik ta' San Ġorġ fir-Rabat, Għawdex. Fit-tnejn naraw lil San Ġużepp fiċ-ċentru tal-vara. Fit-tnejn naraw lil Ġesù Bambin f'id San Ġużepp iħares lejn is-simbolu tal-Knisja. Fit-tnejn naraw waħda mill-idejn ta' San Ġużepp fuq ras il-figura simbolika tal-Knisja Nisranija. Fit-tnejn naraw anġlu jżomm il-ġilju, is-simbolu ta' San Ġużepp. Fit-tnejn naraw is-sħab taħt San Ġużepp. Fit-tnejn naraw serp taħt sieq San Ġużepp. Iżda hemm differenza bejn iż-żewġ vari. F'dik ta' San Ġorġ is-simbolu tal-Knisja huwa tfajla. Din qed iżżomm mudell ta' knisja u salib, waqt li f'dik tal-Marsa s-simbolu tal-Knisja hu anġlu. Dan qed iħares lejn il-Bambin bħalma t-tfajla qed tħares lejn il-Bambin. L-anġlu fil-vara tal-Marsa għandu biss il-mudell tal-Knisja.[6]

## PITTURA TAL-PATROĊINJU TA' SAN ĠUŻEPP

Insibu diversi kwadri li juru lil San Ġużepp Patrun Universali tal-Knisja. Wieħed minn dawn l-inkwatri jinsab fil-knisja parrokkjali tal-Qala. Din il-knisja hija ddedikata lil San Ġużepp, għalkemm kif nafu l-Qalin għandhom devozzjoni kbira wkoll lejn l-Immakulata Kunċizzjoni, bl-ewwel parroċċa ddedikata lilha. Il-kwadru titulari hu xogħol ta' Ġużeppi Calì (1846-1930). Dan il-kwadru ġie ordnat fi żmien il-parrokat tat-tielet kappillan, Dun Ġwann Saliba. Ġie espost għall-pubbliku għall-ewwel darba fil-knisja parrokkjali tal-Qala fit-18 ta' Settembru 1899.[7] Dan ix-xogħol għandu bilanċ tajjeb ħafna u għandu referenzi għall-istorja ta' din il-parroċċa.

Fil-qalba tal-kwadru hemm San Ġużepp bilwieqfa, bil-bastun f'idu. Għajnejn il-qaddis qed iħarsu 'l isfel. Dawn huma simbolu ta' umiltà, karatteristika ta' dan il-qaddis. San

**REFERENZI**


5. Attard I., 'Id-Devozzjoni lejn San Ġużepp fil-Parroċċa Matriċi tas-Ssma Trinità tal-Marsa', *Soċjetà Mużikali San Ġużepp, Ħal Kirkop*, Festa 2010, p. 79
6. Attard L., 'Id-Devozzjoni lejn San Ġużepp...', op. cit., p. 79
7. Katalgu tal-wirja 'San Ġużepp fil-Gżejjer Maltin – Wirja Storika', Arċikonfraternità ta' San Ġużepp, ir-Rabat u l-Imdina, VII Simpożju Internazzjonali dwar San Ġużepp, Malta, 1997, p. 42







Ġużepp għandu sieq waħda f'pożizzjoni li se jibda jimxi, jiġifieri se jibda jagħti protezzjoni speċjali lill-Knisja. Importanti hi id il-qaddis, li qed tipproteġi l-kuruna tal-Papa, u ktieb, li mhu xejn ħlief il-Bibbja. Madwar San Ġużepp iduru l-figuri kollha tal-kwadru. Fuq is-sħab hemm il-figuri ta' Kristu, b'id waħda qed tipponta lejn San Ġużepp, u fuq in-naħa l-oħra hemm il-Madonna. Din il-figura Marjana tirrappreżenta l-konċepiment ta' Marija Santissima. Bejn Kristu u l-Madonna hemm l-Ispirtu s-Santu, it-tielet persuna tas-Santissima Trinità. Anke l-Ispirtu s-Santu għandu rwol importanti fit-tmexxija tal-Knisja.

Mal-ġenb ta' San Ġużepp hemm anġlu, li aktarx hu San Gabrijel, li hu s-simbolu tal-ġenna. L-anġlu għandu l-Bibbja u l-kuruna papali. L-anġlu l-'bastun' papali. Fuq moħħ l-anġlu hemm fjamma li turi l-importanza tal-Ispirtu s-Santu fit-tmexxija tal-Knisja. Fuq in-naħa l-oħra hemm San Mikiel, li jinsab f'ħidma biex jikkontrolla lix-xitan. Ix-xitan jinsab fl-art, b'serp bħala s-simbolu tal-ħażen. Quddiemu x-xitan għandu l-Bibbja magħluqa.[8]

## KWADRU INKURUNAT

Dan il-kwadru ġie inkurunat permezz ta' digriet li kien ħareġ l-Isqof Nikol Cauchi fl-20 ta' Lulju 1971, li fih għarraf lill-poplu li dan il-kwadru huwa t-titulari tal-knisja parrokkjali tal-Qala.[9] Id-disinn tal-kuruna ta' San Ġużepp sar minn Carmelo Tonna. Il-kuruna, li hija tad-deheb u mżejna b'ħaġar prezzjuż, saret mid-ditta Rosetti ta' Milan fl-Italja.[10] L-inkurunazzjoni saret mill-Kardinal Giovanni Colombo, Arċisqof ta' Milan, li kien assistit mill-Isqfijiet Ġużeppi Pace, Isqof t'Għawdex, Nikol Cauchi u Dino Romoli, isqof Dumnikan ta' Prescia-Monteccitini. Iċ-ċerimonja saret fit-8 t'Awwissu 1971.[11]

## KWADRU FUQ IL-BOLOL

Il-kwadru sab ruħu fuq żewġ bolol kommemorattivi, li ħarġu fl-24 ta' Lulju 1971. Id-disinn tal-bolol sar mill-Kavallier Emvin Cremona. Kien il-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex li fil-15 ta' Frar 1971 bagħat lis-segretarju amministrattiv fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru u talab biex dan l-inkwatru jidher fuq il-bolol. Is-segretarju wieġeb li l-Prim Ministru Dottor Giorgio Borg Olivier kien qabel ma' din il-proposta u approva l-ħruġ tal-bolol kommemorattivi. Dan kien sar biex jitfakkar l-ewwel ċentinarju mill-proklamazzjoni ta' San Ġużepp bħala patrun universali tal-Knisja.[12] ■

**REFERENZI**

8. Katalgu tal-wirja..., op. cit., p. 41
9. Katalgu tal-wirja..., op. cit., p. 40
10. Mizzi E., 'Għeluq l-10 Snin', *Leħen il-Qala*, nru 13, 1981, p. 7
11. Grech Cremona J., 'Xbihat Inkurunati ta' San Ġużepp f'Malta u f'Għawdex', *Festa Titulari San Ġużepp, l-Imsida*, 2013, p. 13
12. Katalgu tal-wirja..., op. cit., pp. 42-43



FR PHILIP CUTAJAR OFMCap

# ĦUNA MONS. JOE ALESSANDRO 50 SENA SAĊERDOT

Nhar il-Ħadd, 5 ta' April 2020, proprju meta l-Knisja kienet qed tiċċelebra l-festa ta' Ħadd il-Palm, Ħuna Mons. Joe Alessandro, Isqof ta' Garissa fil-Kenja, iċċelebra l-50 anniversarju bħala saċerdot. Huwa kellu jiċċelebra dan l-anniversarju tad-deheb fid-djoċesi tiegħu ta' Garissa, flimkien mal-merħla li Alla qed jafdalu f'idejh, imma l-pjanijiet ta' Alla kienu differenti. Ħuna Mons. Joe kien ippjanat li wara ftit ġimgħat ta' mistrieħ fostna hawn Malta jirritorna f'Garissa, bil-għan li jissokta l-ħidma pastorali tiegħu. Imma minħabba l-kriżi li ħolqot l-imxija tal-Coronavirus (Covid-19), wara li għamel kull tentattiv possibbli sab li l-ajruport ta' Nairobi kien ingħalaq għalkollox. Għalhekk huwa kellu, kontra qalbu, jibqa' hawn Malta.

## ĊELEBRAZZJONI SEMPLIĊI

Ħuna Mons. Joe ċċelebra l-50 sena bħala presbiteru flimkien mal-Fraternità tal-Aħwa Kapuċċini fil-Furjana. Huwa mexxa l-quddiesa konċelebrata ta' nhar Ħadd il-Palm flimkien ma' ħutu l-patrijiet. Ix-xewqa tagħna kienet li aktar patrijiet kif ukoll familjari u ħbieb tiegħu jkunu preżenti għaċ-ċelebrazzjoni ta' dan l-anniversarju, però minħabba ċ-ċirkustanzi diġà msemmija u li kulħadd jaf bihom, dan ma kienx possibbli. Fil-fatt Ħuna Mons. Joe jixtieq jirringrazzja lil



Venerabili Fratri

IOSEPHO ALESSANDRO, O.F.M. Cap.

Episcopo Garissaënsi

aureum Presbyteratus iubilaeum feliciter celebranti, hunc eventum et opera diligentia pastorali et caritate missionaria pro bono fidelium sibi concreditorum actuose expleta vehementer gratulamur ac assiduum Pastorem, qui cor atque animam suam Ecclesiae Dei donavit, salutamus, dum preces pro Nostro ministerio exercendo exposcimus, eique optima quaeque precamur atque Apostolicam Benedictionem, supernae gratiae conciliatricem ac fraternae Nostrae caritatis signum, ex animo impertimur.

Datum Romae, Laterani, die I mensis Aprilis, anno MMXX.







kull min, f'dan il-jum tant għażiż għalih, ċempillu jew bagħatlu b'xi mod l-awguri tiegħu. Huwa apprezza fuq kollox lil dawk li dejjem, imma iktar f'dan il-jum speċjall, offrew it-talb tagħhom għalih.

## L-AWGURI TAL-PAPA FRANĠISKU

Fost dawn l-awguri li rċieva Ħuna Mons. Joe Alessandro bħala l-Isqof ta' Garissa fil-Kenja, irċieva ittra sabiħa direttament mingħand il-Papa Franġisku. F'din l-ittra ta' awguri l-Papa jifraħ lil Ħuna Mons. Joe għall-anniversarju tad-deheb li qed jiċċelebra filwaqt li jurih l-apprezzament tiegħu għax-xogħol pastorali li għamel u li qed jagħmel fil-missjoni għall-ġid tal-fidili li qed jieħu ħsieb bħala ragħaj kostanti. Il-Papa Franġisku japprezza ferm il-fatt li Mons. Joe "ta qalbu u ruħu għall-Knisja ta' Alla". Il-Papa jagħlaq il-messaġġ tiegħu billi jwiegħed lil dan Ħuna t-talb tiegħu filwaqt li jagħtih il-barka appostolika tiegħu bħala sinjal tal-imħabba u ta' ħbiberija.

## AWGURI MILL-KARDINAL LOUIS ANTONIO

Flimkien mal-awguri u l-wegħda ta' talb min-naħa tal-Papa Franġisku, Ħuna Mons. Joe Alessandro rċieva wkoll ittra sabiħa mimlija sentimenti ta' awguri u talb min-naħa tal-Kardinal Mons. Louis Antonio Gokim Tagle bħala Prefett tal-Kongregazzjoni tal-Evanġelizzazzjoni tal-Popli. Peress li Mons. Joe huwa isqof missjunarju, huwa jaqa' taħt din il-kongregazzjoni, li qabel konna nsejħulha "Propaganda Fidei". Kien għalhekk li rċieva kelmtejn ta' apprezzament għall-ħidma li qed iwettaq bħala missjunarju isqof ta' Garissa fil-Kenja, u mhux inqas sentimenti ta' impenn ta' talb kontinwu bil-għan li l-ħidma tiegħu bħala ragħaj tkompli tħalli l-frott pastorali tagħha.

## ĦIDMET MONS. JOE BĦALA SAĊERDOT

Mons. Joe Alessandro OFMCap, qabel ma nħatar Isqof ta' Garissa ġewwa l-Kenja, wettaq diversi ħidmiet pastorali fi ħdan il-provinċja tal-Kapuċċini f'Malta. Fl-ewwel snin tal-









ħidma tiegħu huwa kien involut ħafna fil-formazzjoni tal-kandidati tagħna għall-ħajja Kapuċċina, kemm bħala direttur u anke bħala prefett tal-istudji. Huwa kien temm b'suċċess il-kors tat-Teoloġija Morali fil-livell terzjarju fl-Università tal-Afonsianum ġewwa Ruma, u malli rritorna Malta ġie msejjaħ sabiex ikun għalliem tat-Teoloġija Morali fl-Istitut tal-Filosofija u t-Teoloġija għall-istudenti reliġjużi miġbura kollha flimkien (INSERM). Aktar 'il quddiem hu ġie elett sabiex ikun ukoll ir-rettur tal-stess INSERM. Għamel ukoll 6 snin bħala direttur tal-Uffiċċju tal-Missjoni tagħna l-Kapuċċini fil-Furjana u fl-istess waqt ukoll kien editur tar-rivista *Dawl Franġiskan* (1998-2004). Diversi drabi huwa kien superjur kemm fil-fraternità ta' Santa Liberata fil-Kalkara u anke f'dik tas-Salib Imqaddes fil-Furjana. Għal bosta snin kien ukoll membru fil-Kunsill Provinċjali sakemm kien intgħażel mill-Aħwa Kapuċċini Maltin biex iservi bħala ministru provinċjali (2004-2010).

## ĦUNA MONS. JOE JILQA' S-SEJĦA MISSJUNARJA

Fis-sena 1989 huwa ħass is-sejħa li jmur ikompli l-ħidma tiegħu fil-missjoni tagħna ġewwa l-Kenja. Hemmhekk ukoll l-aħwa missjunarji talbuh li jieħu fuq spallejh it-tmexxija tal-preżenza tagħna fil-Kenja. Kien proprju f'dan iż-żmien, eżattament fid-19 ta' Ottubru tas-sena 1993, illi waqt li kien qed iwettaq ħidmitu, fi vjaġġ li fih miegħu kien hemm ukoll Ħuna Patri Hilary Abela u xi missjunarji lajċi, ġie attakkat minn grupp ta' ħallelin li wara li serqulhom kulma kellhom u lilu ħallewh minxur mal-art, ferut b'balla li daħlet f'ġenbu. Nistgħu ngħidu li b'mod mirakoluż ġie salvat permezz ta' tifel li rah minxur mal-art (huwa jsejjaħlu 'anġlu') li mar javża lin-nies tal-villaġġ li mill-ewwel ġew u tawh l-ewwel għajnuna. Irċieva l-kura medika kemm fl-isptar ta' Nairobi u aktar tard, bl-għajnuna tal-gvern Malti u bl-intervent tal-Professur John Rizzo Naudi, dakinhar il-Ministru tas-Saħħa, kompla bil-kura tiegħu f'Middlesex Hospital ġewwa Londra.

Għalkemm għadda minn din l-esperjenza iebsa li setgħet kienet traġika, Ħuna Mons. Joe ma qatax qalbu milli jkompli jgħix is-sejħa missjunarja. Fis-sena 2010 rritorna għat-tieni darba lejn il-missjoni tagħna fil-Kenja. Hemmhekk l-Isqof ta' Garissa Mons. Pawlu Darmanin sejjaħlu biex ikun l-Isqof Koadjutur tiegħu, b'tali mod li hekk kif dan temm is-snin tal-episkopat tiegħu, Mons. Joe daħal biex inħatar it-tieni Isqof ta' Garissa, u għadu hemm sal-lum.

## NITOLBU GĦALIH DEJJEM

Hekk kif Mons. Joe talab fil-bidu tal-quddiesa konċelebrata li huwa mexxa flimkien ma' ħutu l-patrijiet, aħna wkoll inħallu li t-talba tiegħu ssir it-talba tagħna. Talba li fiha l-Mulej ikompli jaħfer kull nuqqas li kemm hu kif ukoll aħna stajna wettaqna fid-dmirijiet tal-vokazzjoni tagħna imma fl-istess waqt inroddu ħajr lil Alla għall-grazzji kollha li xerred fuq dan Ħuna, speċjalment matul il-50 sena tiegħu bħala saċerdot. Nirringrazzjaw lil Alla għal dak



kollu li għamel miegħu u permezz tiegħu bħala s-saċerdot tiegħu. Aħna min-naħa tagħna ngħidu grazzi mhux biss lil Alla imma wkoll lilu għall-ħajja eżemplari u edifikanti li dejjem għex, ngħidulu grazzi għal kull ħidma li wettaq, l-aktar bħala missjunarju u aktar tard bħala isqof fi djoċesi missjunarja ferm diffiċli u iebsa. Filwaqt li nawgurawlu għomor twil u ħidma fejjieda, inkomplu nitolbu għalih bil-għan li Alla, hekk kif żamm idejh fuqu f'mumenti ferm diffiċli li Mons. Joe għadda minnhom, ikompli jħarsu u jipproteġih f'kull ħidma li qed iwettaq u li għad irid ikompli jwettaq fl-għalqa tal-Mulej

AD MULTOS ANNOS!

*Lill-Ħuna Għażiż*

**JOSEPH ALESSANDRO OFM Cap.**

***Isqof ta' Garissa***

Fil-waqt li qed jiċċelebra bil-ferħ
il-Ġublew tad-Deheb Saċerdotali
u jiftakar f'din iċ-ċirkustanza
u f'ħidmietu mwettqa b'attenzjoni
u ħeġġa pastorali
u wkoll b'imħabba missjunarja
bla waqfien għall-ġid tal-fidili li kienu fdati f'idejh,
Aħna bil-qawwa kollha nifirħulu
u nsellmulu bħala Ragħaj għaqli u attent
li ta qalbu u ruħu kollha lill-Knisja t'Alla.
Aħna b'ħerqa nitolbu talb
biex inkomplu l-ministeru Tagħna
u lilu ukoll nixtiequlu kull ġid.
Fl-istess waqt minn qalbna nagħtuh
il-Barka Apostolika
bħala sinjal tal-grazzja tas-sema
u tal-Imħabba fraterna Tagħna.

*Mgħotija f'Ruma, il-Lateran,*
*fl-1 jum ta' April, tas-sena 2020.*

***Franġisku***

FR MARIO ATTARD OFMCap



# IL-KUĊĊARINA TAL-BARKA TAL-MULEJ!

Ikolli ngħid li s'issa naħseb li dejjaqtkom nirrepeti l-istess frażi. Imma fil-kuxjenza tiegħi nħoss li għandi nirrepetihielkom. Għax tant kemm hi vera li għalija saret riżors kbir ta' fejqan. L-isptar huwa skola tal-ħajja! Anki tal-ħajja pastorali tiegħi magħkom, in-nies! Mela isimgħu din l-esperjenza.

Inkun filgħodu għall-kafè, fir-restorant, ħalli xejn xejn inlaħlaħ ftit griżmejja u anki l-Mulej jagħti s-saħħa lil ġismi, ruħi u l-ispirtu tiegħi. Kif eżattament ħadt il-kafè, nisma' min jgħidli: "Ara l-Patri!" Dort u rajt lilu u lilha. Hu kien imdaħħal ftit fiż-żmien, filwaqt li hi kienet fl-aħjar tagħha. Mid-diskursata ntbaħt li hu kien il-missier u hi kienet bintu.

"Hawn, Father!" qaltli hi. "Int taf min jien? Aħna konna ltqajna fil-kuritur. Tiftakar?" Dak il-mument f'moħħi waqqgħet dalma. Ippruvajt ħafna u ħafna niftakar, iżda kien kollu għalxejn. Għalhekk weġibtha: "Le, oħti, ma niftakarx!" Il-mara żagħżugħa ma qatgħetx qalbha għat-tweġiba tiegħi. Tant hu hekk li reġgħet weġbitni: "U le, Patri! X'ma tiftakarx! Int kont iċċajtajt mar-raġel tiegħi għax it-tnejn żaqqkom Alla jbierek!"

Għal dan il-kumment it-tlieta li konna nfqajna nidħku. U mela kieku ma tiċċajtax u ma tidħakx fl-isptar se tkampa? Daqs dawn mard u problemi li hawn iduru! Dejjem tara t-tbatija! U ħa ngħiduha kif inhi issa, aħjar qabel is-sessjoni tal-psikologu nitgħallmu naqra l-psikoloġija tal-ħajja! Jiġifieri li s-sens ta' umoriżmu aqta' kemm jagħtina kuraġġ ħa nkomplu naqdfu! Dan fuq kollox għandna bżonn nitgħallmu, u mhux minn farka nagħmlu muntanja sħiħa! Intant...

Wara li dħakna flimkien, missier il-mara żagħżugħa qalli: "Patri, inġiblek xi ħaġa?" Apprezzajt li dan ir-raġel kien daqshekk ġeneruż li offrieli xi ħaġa. "Le, ħabib! Iżda grazzi xorta waħda," weġibtu, mimli apprezzament li dan ir-raġel indenja ruħu jaħseb fija. Bqajna nitħaddtu u kif soltu nagħmel, wara li tħadditna offrejt lil dawn l-aħwa jekk iridux li nberikhom biż-żejt eżorċizzat li nġorr miegħi, u għaliex dawn l-aħwa riedu jesperjenzaw il-qawwa tal-Mulej, qaluli iva! U jien, bil-ferħ kollu, dlikthom u berikthom b'dan iż-żejt eżorċizzat.



Kemm apprezzaw li patri talab magħhom u dilikhom biż-żejt! Imbagħad wara li lestejt it-talba r-raġel dar lejja u qalli: "Patri, bħalissa hemm marti l-isptar. Jekk jogħġbok itlob għaliha!" It-talba tiegħu daħlitli f'qalbi. Ħassejt il-karba ġenwina ta' dan ir-raġel li, tant kemm iħobb lil martu, xtaqha titbierek. Għalhekk, misjuq mill-ħniena ta' Kristu lejh, għedtlu: "Iva, ħabib, bil-qalb kollha! Iżda nista' ngħidlek ħaġa?" Issa għajnejn ir-raġel xegħlu bil-kurżità. "Isbaħ din, Patri!" weġibni minnufih. "Ara x'nagħmlu. Issa, la tmorru ħdejha, qiegħdu jdejkom fuqha u berkuha. Hekk intom tkunu l-kuċċarina tal-barka tal-Mulej għal din oħtna!"

Għal dawn il-kelmiet kemm il-missier kif ukoll il-bint wiċċhom xegħel bil-ferħ! Bit-tama u bil-kuraġġ!



Iva, hekk kellhom bżonn jisimgħu! Li jkunu l-kuċċarina tal-barka tal-Mulej għal din oħtna, il-mara u l-omm! Għax il-Mulej, b'dik il-barka li tahom permezz tiegħi, patri midneb u li ma jistħoqqlix, kien qed jurihom li huma kienu kontenituri ta' din il-barka qaddisa! Għax liema barka mhix qaddisa, jekk il-barka hija n-nifs li jieħu l-Mulej innifsu... jekk il-barka hija l-ħarsa li biha l-Mulej iħares... jekk il-barka hija l-mużika li hemm tiġri fil-widnejn tal-Mulej... jekk il-barka hija l-adrenalina li hemm tiġri f'demm il-Mulej... jekk il-barka hija t-taħbita tal-qalb tal-Mulej... jekk il-barka hi... il-Mulej innifsu? Kif tridha allura din il-barka ma tagħmlilhomx ġid?

Għax il-barka tal-Mulej ma tafx tgħir. Ma tafx taħbi, u lanqas taf tikkontrolla. Il-barka tal-Mulej hi paċi, sliem, ferħ, u turi dak li taf, u kollox tikxef, biex tfejjaq u qatt biex tirrikatta. Il-barka tal-Mulej hija l-ħajja vera, l-imħabba li int u jien għandna tant bżonn! Il-barka tal-Mulej hija s-saħħa fiżika u psikoloġika. Il-barka tal-Mulej hija li jien inħobb u naħfer lili nnifsi. Il-barka tal-Mulej hija li nieħu gost bil-ġid li l-Mulej jagħmel b'ħaddieħor u mhux tnassis kif lil dan jew lil din se neqirdu jew neqridha.

Hija din it-tip ta' barka li lil dawn ħutna bgħatthom, f'isem il-Mulej Ġesù li jfejjaq, biex iwasslu lil din il-mara, oħtna. Iżda għaliex sejjaħtilha 'kuċċarina'? Għax ħutna l-Insara tal-Lvant, meta s-saċerdot iqarben lin-nies bil-Ġisem u d-Demm ta' Kristu, jagħmel dan permezz ta' kuċċarina, li fil-mentalità u t-tagħlim ta' dawn ħutna tissimbolizza lil Marija. Għax Marija tagħtina lil Ġesù! Marija twasslilna lil Ġesù! Hi Marija li tagħtina lil Ġesù sħiħ! Għax Marija bħala ommna tista' tinżel fit-tkissir tagħna, għax jibgħatha Ġesù, binha, daqskemm jafdaha! U kif tridu ma jafdahiex? Mhux hi ommu? Mhux hi li nisslitu, ġarritu fi ħdanha, wilditu, imxiet warajh, fdatu u ħallietu jsalvaha? U jekk omm ta' din id-dinja, avolja midinba, tafda tant lil binha, li hu midneb ukoll, għaliex ġie mċappas bid-dnub meta tnissel fi ħdanha, kemm aktar mela għandha tagħmel dan Marija, il-verġni safja u qaddisa, li tafda lil Binha, Alla magħmul bniedem?

Dakinhar meta mort f'sala biex nassisti lil xi ħadd, aqta' kemm ħassejtni ferħan! Għaliex permezz ta' dawn in-nies sempliċi u qaddisin il-Mulej għallimni nkun kuċċarina tal-barka tal-Mulej għan-nies li niltaqa' magħhom! L-istess mela bħalma qal lil dawn in-nies umli, li miftuħin beraħ għall-Ispirtu s-Santu laqgħu din il-kelma li l-Mulej tahom permezz tiegħi, patri midneb. Għożżewha u marru bil-ġiri jwettquha!

Xi ġmiel meta nbierek lill-oħrajn bħala patri! Xi ġmiel meta nfakkarhom li din il-barka, li hi tal-istess Ġesù Kristu, sidi u sidhom, għandhom jgħadduha huma wkoll b'dik l-imħabba, kollha ħlewwa u ġenerożità, ta' Marija! Fi ftit kliem, xi ġmiel meta nħalli lil Ġesù jimlieni bil-kuraġġ u nħallih fija jħeġġeġ u jwassal lil dawk li għandi quddiemi biex huma, wara l-barka li jkunu rċevew mingħandi, imorru ħdejn l-għażiż jew l-għażiża tagħhom, iqiegħdu jdejhom fuqu jew fuqha u jberkuh jew iberkuha!

X'hemm isbaħ milli nkun Ġesù għax inbierek? U x'hemm isbaħ milli nkun Marija għaliex din il-barka nwassalha lill-oħrajn? Biex ngħidha fil-qasir: x'hemm isbaħ milli nkun il-kuċċarina tal-barka tal-Mulej? ■




Intervista ma' La Stampa, 20 ta' Marzu 2020.

Il-Papa jitkellem dwar l-uġigħ ta' qalb tiegħu f'dawn il-jiem ta' kriżi minħabba l-virus: *"Id-dlamijiet li daħlu fi djarna għad jgħibu; bil-ġrieħi fil-qalb tagħha l-umanità magħquda għad terġa' tqum fuq saqajha." "Hawnhekk hawn biki u tbatija. Kulħadd. Minn din is-sitwazzjoni nistgħu noħorġu biss flimkien, bħala umanità sħiħa."* Għalhekk hemm bżonn *"inħarsu lejn il-persuna l-oħra bi spirtu ta' solidarjetà"* u nġibu ruħna skont il-bżonn. Il-Papa Franġisku qed isegwi bi tħassib il-mod kif qed tiżviluppa l-emerġenza tal-Coronavirus. Imma minn fuq it-telefon, it-Tnejn 16 ta' Marzu, ried ixerred anki t-tama fid-"dawl" li għad jasal u jdawwal id-dalma *"li daħlet fid-djar kollha"*, taħt il-forma ta' niket u tħassib. Wara dan iż-żmien imdendel se nħossuna xi ftit bħal *"wara l-gwerra"*, iwissi l-Papa. Ikun hemm bżonn nerġgħu nibnu mill-ġdid, fuq erba' pilastri importanti: "l-għeruq", irrappreżentati qabelxejn min-nanniet, mill-anzjani; "il-memorja" ta' dawn il-jiem hekk surreali; "il-fratellanza" bejn il-bnedmin; "it-tama, li ma tqarraqx bina".

**Hu aktar importanti li nitolbu f'dan il-perjodu?**

Jaħbtu ma' moħħi l-appostli fit-tempesta, li talbu lil Ġesù: "Mgħallem, qed negħrqu". It-talb ilaqqagħna mad-dgħufija tagħna. Hija l-karba tal-foqra, ta' dawk li qed jegħrqu, li jħossuhom fil-periklu, waħidhom. F'sitwazzjoni diffiċli, ta' qtigħ il-qalb, importanti niftakru li hu l-Mulej li miegħu għandna niggranfaw.

**Alla kif jista' jgħinna?**

Hu jwiżinna b'ħafna modi. Jgħaddilna l-qawwa u l-qrubija tiegħu, kif għamel mad-dixxipli li fit-tempesta talbuh l-għajnuna, jew meta newwel driegħu lil Pietru, li kien qed jegħreq.

**Qalb it-traġedji tal-Covid-19 hemm il-ġrajjiet ta' min qed imut f'iżolament, mingħajr l-imħabba tal-qraba, li ma jistgħux jersqu qrib biex ma jitteħdux huma wkoll. Huma xeni ta' qsim il-qalb li qed iseħħu ta' kuljum fl-isptarijiet, f'Bergamo, fi Brescia, fi Cremona. Xi wħud, ftit qabel imutu, jibagħtu t-tislima tagħhom lil marthom, lil żewġhom, lil uliedhom, permezz tal-infermiera. Xi ħsibijiet jiġuk f'moħħok u f'qalbek?**

F'dawn il-jiem irrakkontawli storja li laqtitni u sewditli qalbi, anki għaliex tirrappreżenta dak li qed iseħħ fl-isptarijiet. Waħda anzjana fehmet li kienet qiegħda tmut u riedet tagħti l-aħħar tislima lill-għeżież tagħha: l-infermiera qabdet il-mowbajl u ċemplet bil-vidjow lin-neputija tagħha, biex hekk l-anzjana rat wiċċ in-neputija u setgħet titlaq b'dan il-faraġ f'qalbha. Huwa l-aħħar bżonn li jkollok id li taqbadlek tiegħek, ta' ġest ta' kumpanija tal-aħħar. U tant infermiera qed isieħbu din ix-xewqa aħħarija bil-widna tagħhom, billi jagħtu widen għan-niket tas-solitudni, u bħal jaqbdulhom idejhom. In-niket ta' min telaq mingħajr l-aħħar tislima jsir ġerħa fil-qalb ta' min jibqa'. Nirringrazzja lil dawn l-infermiera, tobba u voluntiera kollha li, minkejja l-għeja ta' barra minn hawn, jitbaxxew bis-sabar u t-tjieba tal-qalb biex jagħmlu tajjeb għall-assenza obbligatorja tal-familjari.

**Din l-emerġenza dinjija hi kkaratterizzata wkoll minn xibka sħiħa ta' solidarjetà, magħmula minn eluf ta' persuni li qed jagħmlu sagrifiċċji għall-ġid tal-oħrajn. Meta jispiċċa kollox, taf tkun serviet għal xi ħaġa għall-futur?**

Biex infakkru darba għal dejjem lill-bnedmin li l-umanità hija komunità waħda. U kemm hi importanti, deċiżiva l-fraternità universali. Irridu naħsbu li se tkun xi ftit bħal wara l-gwerra. Mhux se jkun hemm iżjed "l-ieħor", imma nkunu "aħna". Għax minn din is-sitwazzjoni nistgħu noħorġu biss ilkoll flimkien.

**Mnejn jeħtieġ nerġgħu nibdew bħala bnedmin?**

Jeħtieġ inħarsu mill-ġdid iżjed lejn l-għeruq: in-nanniet, l-anzjani. Nibnu fratellanza vera bejnietna. Nagħmlu memorja ta' din l-esperjenza iebsa li għexna lkoll flimkien, u nimxu 'l quddiem b'tama, li qatt ma tqarraq bina. Dawn ikunu l-kelmiet li jservu ta' muftieħ biex nistgħu nibdew mill-ġdid: għeruq, memorja, fratellanza u tama. ■



FR SILVESTRU BONAVIA OFMCap

# IL-PAPA U L-ISQFIJIET IĦEĠĠUNA NITOLBU AKTAR F'DIN IL-PANDEMIJA U NISKOPRU ALLA XI JRID MINNA!

**IMMA NĦARSU 'L QUDDIEM**

*"Inwieġbu f'din il-pandemija ta' mard b'pandemija ta' talb."* Hekk tenna l-Papa Franġisku nhar il-Ħadd 22 ta' Marzu li għadda. U min jaf, sakemm jasal dan in-numru f'idejn il-qarrejja, kemm ikun saħaq aktar fuq hekk, kif huwa wkoll insista li rridu naraw x'inhu dak li qed jgħidilna Alla. Hekk tenna wkoll il-Papa f'intervista twila li ta lil *The Tablet*, ir-rivista Kattolika Ingliża, eżatt qabel l-Għid. Ma rridux ningħalqu fina nfusna imma nħarsu 'l quddiem, l-istess bħalma għamlu l-appostli u l-ewlenin Insara wara l-persekuzzjonijiet li għaddew minnhom, tenna l-Papa. Hu jkompli: *"Ix-xewqa tiegħi, almenu dik li tiġini fit-talb, hija kif nakkumpanja u nkun qrib il-Poplu t'Alla."* Kif qed jagħmel bil-quddiesa kuljum, il-funzjonijiet kollha tal-Ġimgħa l-Kbira, bil-ħidmiet ta' karità u billi nieħdu ħsieb il-morda u l-fqar.

L-Isqfijiet tagħna wkoll – u s-superjuri reliġjużi kollha – rajniehom u smajniehom itennulna dan. Ħafna minna li kienu jieħdu sehem fil-quddiesa u jitqarbnu, kuljum jew spiss, ħassewh ħafna n-nuqqas f'dan iż-żmien. Oħrajn, li huma ħafna, segwew il-quddiesa u l-istess funzjonijiet imqassra tal-Ġimgħa l-Kbira fuq il-mezzi tax-xandir jew il-mezzi soċjali. L-isqfijiet u l-kappillani approfittaw ruħhom minn stazzjonijiet tat-tv jew tar-radju tal-komunità, li ħaqqhom kull inkuraġġiment. B'hekk, waqt li bosta familji jinsabu flimkien miġburin fi djarhom, jistgħu jissaħħu bil-Kelma t'Alla u bit-talb. Għax f'dan il-waqt tal-pandemija dan huwa essenzjali ħafna. Bosta ħbieb jew operaturi pastorali jgħinu u jagħmlu kuraġġ lil xulxin anke b'telefonata jew messaġġ, u jeħtieġ li dawn jiġu sfruttati aktar ukoll.

**NITOLBU U NIFTAKRU...**

Niftakru fil-personnel mediku kollu, f'kull grad u livell; f'dawk li qed jgħinu fiż-żamma tal-ordni pubbliku, li anke huma qed jgħinu qatigħ f'dawn il-waqtiet. Ma' dawn niftakru wkoll, u dawn anke semmiehom il-Papa aktar minn darba, f'kull min għandu r-responsabbiltà li jieħu deċiżjonijiet għall-ġid tal-komunità.

Fuq kollox irridu niftakru, u nitolbu, għal dawk kollha li jinsabu jaqdu mill-qrib lil ħutna milqutin, biex ikomplu, bil-kuraġġ kollu u b'karità tassew Nisranija, kemm fis-servizz mediku u wkoll fil-pastorali, ma' min jeħtieġ l-għajnuna. Irridu niftakru, fuq kollox, anke minn fuq din ir-rivista, li nafu li tilħaq l-eluf, fis-saċerdoti u lajċi impenjati li jgħinu lill-morda u lil min jinsab jew waħdu jew fi ħtieġa. Fuq kollox nitolbu għal ħutna l-aħwa Franġiskani Kapuċċini li qed iservu lil dawn il-morda kollha. Dawn offrew lilhom infushom li jkunu qrib ħutna l-morda, bħala kappillani fl-isptarijiet, flimkien mal-personnel tas-servizz mediku. Huma riedu jagħtu xhieda ħajja u konkreta, kif stqarrew huma stess, għax *"il-bniedem mhux ġisem biss għandu, imma ruħ ukoll"*. U jridu jakkumpanjaw lil ħutna morda, anke b'mod limitat kif titlob il-prudenza, ukoll f'dal-mument xejn ħafif.

**IL-PAPA JITLOB QUDDIEM IL-KURĊIFISS U L-MADONNA**

Il-Papa spiss jitlob waqt il-quddiesa u l-omeliji ta' kull filgħodu mill-knisja tad-Dar Santa Marta; fl-Angelus, fl-Udjenza Virtwali ta' kull ġimgħa, spiss ħafna jsemmihom dawn. Ma' dawn kollha rridu nsemmu l-pellegrinaġġ li l-Papa







għamel bil-mixi, kif rajnieh fuq it-tv sejjer lejn il-bażilika ta' Santa Maria Maggiore, biex jitlob quddiem il-Madonna meqjuma fil-qalba ta' Ruma bħala "s-Saħħa tal-Poplu Ruman", waqt li f'qalbu kellu lill-poplu kollu Nisrani u bla dubju lill-bnedmin kollha, kif wera anke fit-talba pubblika espliċita tiegħu nhar il-Ġimgħa 27 tax-xahar, meta ta, għall-ewwel darba b'mod hekk solenni, il-barka tiegħu "lill-belt ta' Ruma u lid-dinja kollha" *(Urbi et Orbi)*, magħquda mal-indulġenza plenarja. Imbagħad il-pellegrinaġġ komplieh b'talba quddiem il-kurċifiss mirakoluż antik li jinsab fil-knisja ta' San Marcello. Kienu xeni ta' qsim il-qalb u ta' inkuraġġiment u ta' għaqda sħiħa. Hekk il-Papa, permezz ta' dil-barka speċjali li s-soltu tingħata biss f'okkażjonijiet tassew speċjali, ried iwessa' l-maħfra tad-dnubiet lil dawk kollha li ngħaqdu miegħu. U dan għamlu bis-setgħa u bl-awtorità tiegħu bħala s-suċċessur ta' San Pietru.

Hekk ukoll kienet, nhar l-Erbgħa 25 ta' Marzu, it-talba ekumenika tal-Missierna fl-istess waqt, f'nofsinhar, mal-mexxejja tal-Knejjes Insara kollha. Sabiħ kien il-waqt meta l-mexxejja tar-reliġjonijiet li jagħrfu Alla wieħed, bħal-Lhud u l-Musulmani, f'Ġerusalemm ingħaqdu wkoll għal mumenti ta' talb flimkien. Inkomplu hekk ukoll f'mumenti iktar ordinarji!

L-Isqfijiet tagħna, tista' tgħid bħal dawk tad-dinja kollha, ħarġu appelli ħerqana lill-Insara kollha biex ilkoll nobdu d-direttivi tal-awtoritajiet ċivili u ħeġġew ħafna għat-talb. Ilkoll inħossu ħafna li l-festi liturġiċi tal-Ġimgħa l-Kbira u l-Għid isiru b'mod ristrett waqt li jitħassru l-festi l-oħrajn kollha. Imma dan hu s-sagrifiċċju li lkoll irridu nagħmlu flimkien għall-ġid ta' kulħadd.

Ta' min isemmi wkoll li għalkemm xi wħud setgħu approfittaw irwieħhom mis-sitwazzjoni, oħrajn fostna wkoll – bħalma ġara bnadi oħra – inqdew biex jagħmlu karità ma' min b'xi mod intlaqat. Hekk pereżempju aħbar lokali kienet turi l-qalb tassew Nisranija ta' wieħed proprjetarju tal-appartamenti. Meta wieħed mar biex iħallas li kien imissu u talab lis-sid jaħfirlu mqar parti mill-ħlas għax il-mara spiċċat bla xogħol, ħafirlu dak kollu li kellu jħallas. Ġest tassew sabiħ u Nisrani!

Il-ġest tad-djoċesi t'Għawdex, wara s-suġġeriment tal-Isqof Mario Grech, li fih inġabru €36,000 għal ventilator fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex, ta' min ifaħħru bosta.

## FLIMKIEN NOĦORĠU MINN DIL-KRIŻI

L-aħħar kelma, mill-prietka ta' P. Ranjeru Cantalamessa, il-Kapuċċin predikatur tal-Papa, nhar il-Ġimgħa l-Kbira f'San Pietru, tgħin ħafna lil kulħadd:

*"Il-pandemija tal-Coronavirus qajmitna lkoll, kemm bħala individwi u lill-umanità kollha, mid-delużjoni li naħsbu li aħna omnipotenti. F'waqt wieħed dan il-virus qasam il-fruntieri kollha u d-distinzjonijiet bejn razez, reliġjonijiet, min hu għani jew setgħan. Ma nistgħux nerġgħu lura bħal qabel meta dal-mument jgħaddi." U jkompli jistedinna nħarsu lejn it-tbatija mill-għajnejn t'Alla: "Alla 'qed ibati', bħal kull missier u kull omm. Meta niskopru dan, nittendu kemm imissna nistħu mill-akkużi kollha li għamilna kontra tiegħu. Alla qed jieħu sehem magħna u qed jgħinna biex nirbħuh."*

Ilkoll kemm aħna nistgħu, mhux biss f'din l-emerġenza, imma dejjem, nuru aktar dil-karità Nisranija fi mġibitna, kif għallimhielna Ġesù stess.

Ejjew ma naqtgħux qalbna; nagħmlu kuraġġ lil xulxin. Hekk flimkien noħorġu minn din il-pandemija, bil-qawwa ta' ħafna talb u għajnuna lil xulxin. Wara niċċelebraw bil-ferħ żmien aħjar, imma flimkien. ■

# MID-DJARJU TAL-KAPUĊĊINI MALTIN

## AĦBARIJIET TAL-PROVINĊJA



BR MIGUEL ZAMMIT OFMCap
SEGRETARJU PROVINĊJALI

## MEJJU 2020



### 1. IŻ-ŻJARA TAL-ISQOF TA' GARISSA FOSTNA

Nhar is-Sibt, 15 ta' Frar 2020 Ħuna Mons. Joe Alessandro OFMCap, Isqof ta' Garissa fil-Kenja, ta bidu għal żjara fostna. Kull darba li Mons. Joe jiġi fostna żgur li tkun għalina mument qawwi ta' animazzjoni missjunarja. Lilu sservih ta' mistrieħ mill-ħidma pastorali missjunarja li huwa mgħobbi biha fid-djoċesi kbira u mifruxa ta' Garissa. Imma lilna żgur li sservina sabiex inħossuna aktar qrib tiegħu u għalhekk aktar qrib il-missjoni u l-missjunarji fid-diversi ħidmiet tagħhom.



### LAQGĦAT MAL-FAMILJARI

Matul il-ġimgħat li għadda magħna Ħuna Mons. Joe żgur li kellu kull opportunità li jiltaqa' mal-ħafna familjari u ħbieb tiegħu, speċjalment l-għeżież ħutu. Din id-darba huwa kellu l-okkażjoni li jiċċelebra kemm is-sagrament tal-griżma tal-isqof lil wieħed mill-proneputijiet tiegħu Gianluca Alessandro kif ukoll jamministra ċ-ċelebrazzjoni tas-sagrament taż-żwieġ bejn il-proneputija tiegħu Tiziana u l-għarus tagħha Mauro.



### IL-PREŻENZA TIEGĦU FIL-FRATERNITAJIET

Aktar miż-żjarat tiegħu lill-familjari u ħbieb, Ħuna Mons. Joe Alessandro ġie mistieden sabiex jgħaddi ħin fit-tmien fraternitajiet li għandna f'Malta u f'Għawdex. Kemm għalih kif ukoll għalina dawn huma mumenti prezzjużi u għeżież, li fihom b'sens ta' fraternità nħossuna ferm qrib xulxin. B'laqgħat bħal dawn aħna bħala aħwa Kapuċċini nsiru nafu aktar il-ħidma missjunarja li dan Ħuna qed iwettaq, u għalhekk dan iservi żgur bħala animazzjoni missjunarja fi ħdan l-istess provinċja b'tama għall-futur.



### LAQGĦAT TA' FUNDRAISING

Bħal dejjem matul il-ġimgħat li Ħuna Mons. Joe Alessandro jgħaddi f'Malta ma jonqsux dawk l-attivitajiet ta' fundraising li jsiru mill-benefatturi tal-missjoni tal-Kenja. Fost dawn hemm il-Grupp tal-Koppji Franġiskani tal-Furjana, li b'entużjażmu u

mħabba lejn il-missjoni matul is-sena jorganizzaw diversi attivitajiet għal dan il-għan. Minbarra l-bazaar ta' kull sena u l-bejgħ tal-figolli fil-ġranet tal-Għid il-Kbir, huma jorganizzaw ukoll coffee mornings u ikliet b'risq il-missjoni. Kemm dam hawnhekk dan il-grupp b'identità missjunarja organizza ikla f'waħda mil-lukandi ġewwa l-Qawra. Din l-attività bdiet b'quddiesa mmexxija mill-istess Mons. Joe Alessandro mbagħad wara kulħadd seta' jgħaddi biex filwaqt li jiekol ikun qed jitma' wkoll lil min hu bil-ġuħ, bil-qligħ li kien hemm minn din l-attività.





Fl-aħħar tal-ikla l-GFF taw lil Ħuna Mons. Joe Alssandro ċekk ta' €1,744, li nġabru kemm minn coffee morning kif ukoll mill-ikla. L-Isqof ta' Garissa rringrazzja lil dawk kollha li taw is-sehem tagħhom f'attività bħala din, li kif qal huwa stess, minbarra li hija turija ta' mħabba li l-poplu Malti u Għawdxi għandu lejn il-missjoni, b'dawn il-flus miġbura ħafna morda u fqar sejrin jirċievu diversi għajnuniet li aħna hawn Malta ħafna drabi neħduhom for granted.

**L-UFFIĊĊJU MISSJONI TAL-KAPUĊĊINI**

L-Uffiċċju tal-Missjoni tal-Kapuċċini fil-Furjana ma naqasx li huwa wkoll jagħti l-għajnuna ekonomika b'risq il-ħidma missjunarja fil-Kenja. Id-Direttur Fr Philip Cutajar OFMCap flimkien mas-Segretarju s-Sur Dorian Holland offra ċekk ta' €16,000 għall-proġetti li l-istess isqof ippreżenta, bil-għan li meta jmur lura l-Kenja jkun jista' jwettaqhom. Dawn il-proġetti prinċipalment huma marbuta mal-edukazzjoni tat-tfal fqar f'Garissa. Dawn il-flus setgħu jingħataw frott il-ġenerożità tagħkom il-Maltin u l-Għawdxin, li qatt ma tonqsu milli tgħinu f'din il-ħidma b'risq il-Knisja missjunarja, speċjalment f'Garissa. ■

## 2. OFFERTA GĦALL-MISSJONI

Fl-attivitajiet ta' fundraising li nagħmlu għall-missjoni matul is-sena niltaqgħu ma' diversi ġesti nobbli u ta' ġenerożità mingħand diversi persuni. Dan l-aħħar ġie l-Uffiċċju tal-Missjoni tagħna l-Kapuċċini fil-Furjana s-Sur Salvu Pirotta min-Naxxar. Dan huwa benefattur regolari tal-missjoni. Imma dan l-aħħar ġie b'idea ġdida.



Is-Sur Salv qed joffrilna b'xejn żewġ xogħlijiet tiegħu ta' skultura fuq il-ġebla Maltija. Żewġ statwi żgħar ta' Padre Pio tal-Pjagi. Huwa qed jagħtihomlna b'xejn bil-għan li min jixtieq jakkwistahom kulma jrid jagħmel hu li jiġi jarahom fl-Uffiċċju tal-Missjoni. Min jiddeċiedi li jeħodhom importanti li jagħti donazzjoni xierqa b'risq il-missjoni. Dan huwa l-iskop tas-Sur Pirotta, li rridu nirrispettawh. Għalhekk nistennew mingħandkom li tagħmlu din ix-xewqa qaddisa tas-Sur Salv issir realtà u b'hekk tkunu qed tgħinu lill-missjunarji tagħna fil-Kenja. ■



## 3. ĦUNA FR HAYDEN FIL-KURJA ĠENERALI

Ta' kull sena l-Ministru Ġenerali tal-Ordni tagħna, il-Kunsill Ġenerali u l-aħwa tal-Kurja Ġenerali jinġabru flimkien għal ġimgħa rtir matul ir-Randan. Din is-sena Ħuna Hayden Williams kien mistieden biex imexxi dan l-irtir, li sar bejn it-8 u t-13 ta' Marzu fil-kunvent tagħna ġewwa Frascati. Minħabba li l-kunsill plenarju tal-Ordni li jmiss ser jittratta d-dimensjoni missjunarja tal Ordni, Ħuna Hayden qasam diversi riflessjonijiet b'rabta ma' dan bit-tema "'Meta jiġi fuqkom l-Ispirtu s-Santu, intom tirċievu l-qawwa, u tkunu xhieda tiegħi' (Atti 1, 8): evanġelizzaturi bl-Ispirtu". Il-meditazzjonijiet kienu ta' għajnuna għall-parteċipanti tal-irtir biex ipoġġu lilhom infushom quddiem Alla bħala evanġelizzaturi u jitolbu mill-ġdid il-qawwa tal-Ispirtu s-Santu biex jiġġeddu fil-ħajja personali tagħhom u dik missjunarja.



Lil Ħuna Hayden, li jgħix bħala karizma s-sejħa ta' predikatur itineranti, nawgurawlu f'din il-ħidma filwaqt li nitolbu għalih bil-għan li Alla jkompli jimlieh bil-qawwa tal-Ispirtu tiegħu. ■

## 4. IRTIR TAR-RANDAN GĦALL-AĦWA TAL-PROVINĊJA



Nhar it-Tlieta, 3 ta' Marzu 2020 sar l-irtir tar-Randan għall-aħwa kollha tal-provinċja. Għal dan l-irtir attendew numru sabiħ ħafna ta' aħwa u sar fid-dar tal-irtiri Mount St Joseph, il-Mosta. Dan in-nofstanhar ta' riflessjoni u talb kien immexxi minn Fr Konrad Grech SJ. Fr Konrad fir-riflessjoni tiegħu tkellem dwar l-importanza li noqogħdu fil-preżenza t'Alla u li jkollna sens ta' gratitudni u ta' qadi. Hu sostna li aħna maħluqa biex nagħmlu dan u hekk naslu biex ikollna l-libertà tal-Ispirtu. Wara l-konferenza kien hemm ukoll mument ta' riflessjoni personali u adorazzjoni ewkaristika komunitarja. L irtir għalaq b'ikla fraterna fl-istess dar tal-irtiri. ■

## 5. WIRJA TAL-ĠIMGĦA L-KBIRA

Ilkoll nafu kif din is-sena l-attivitajiet u l-funzjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira u l-Għid kellhom jitħassru. Minkejja dan, il-preparamenti għal dawn il-festi jibdew minn ħafna qabel. Br Charles Azzopardi għalhekk kien laħaq beda xogħol bil-melħ replika tal-wiċċ mirakoluż tal-Kurċifiss ta' Ġieżu, li jinsab fil-knisja tal-patrijiet Franġiskani fil-Belt Valletta. Dan ix-xogħol sar għall-wirja li kienet se

tittella' mill-Marsa Pageant Group tal-parroċċa tagħna ta' Marija Reġina, il-Marsa. Ix-xogħol delikat u ta' paċenzja li għamel dan Ħuna huwa imprezzabbli, u hu magħdum b'melħ iswed u abjad, xi ħaġa oriġinali għal din il-wirja li kienet se ssir. F'din il-wirja sar ukoll platt tal-melħ ta' Ħuna Mario Azzopardi fl-okkażjoni tal-ħamsin sena anniversarju tal-istess grupp li jtella' l-wirja, grupp li kien waqqaf dan Ħuna. Nawguraw lil Br Charles, li minkejja li x-xogħol ma ġiex esebit, il-Mulej ikompli jkabbar fih it-talenti li għandu. ■






## 6. PATRI KARLU CARDONA – 60 SENA SAĊERDOT

Nhar il-Ħamis, 2 ta' April 2020 Ħuna Patri Karlu Cardona OFMCap iċċelebra għeluq is-60 sena ta' ħajja saċerdotali. Huwa kien irċieva s-sagrament tal-Ordni Sagri minn idejn l-Isqof Awżiljarju ta' Malta Mons. Emanuel Galea nhar it-2 ta' April tas-sena 1960. Din kienet għalina l-Maltin u l-Għawdxin sena speċjali, peress li dakinhar ġie ċċelebrat iċ-ċentinarju mill-miġja ta' San Pawl f'Malta. Ħuna Patri Karlu daħal bħala membru fl-Ordni Franġiskan Kapuċċin fl-1 ta' Ottubru 1950 (70 sena ilu) u għamel il-professjoni perpetwa tiegħu fit-22 ta' April tas-sena 1956.





Flimkien ma' Ħuna P. Karlu kien hemm diversi li rċevew dan is-sagrament tal-presbiterat, fosthom 6 aħwa Franġiskani Kapuċċini oħra, li wħud minnhom diġà daħlu fil-ħajja ta' dejjem. L-uniku li għadu ħaj huwa Ħuna Patri Ġwakkin Mercieca OFMCap. Lil dan, li bħalissa qiegħed fid-Dar tal-Kleru, nawgurawlu wkoll *ad multos annos* u nkomplu nitolbu għalih.

Għalkemm Ħuna Patri Karlu xtaq jiċċelebra dan l-anniversarju flimkien mal-familjari u l-ħbieb tiegħu, dan ma setax iseħħ minħabba l-kriżi tal-Coronavirus. Għalhekk huwa mexxa quddiesa konċelebrata flimkien mal-aħwa tal-Fraternità tal-Furjana, fejn qiegħed bħalissa. Fil-bidu tal-quddiesa radd ħajr lil Alla għas-sejħa li għamillu għas-saċerdozju kif ukoll għas-60 sena ta' fedeltà, u mhux inqas talab maħfra għan-nuqqasijiet li bħala bniedem seta' wettaq. Wara l-quddiesa l-Gwardjan tal-fraternità Patri Pawl Bugeja pprepara ikla aħjar minn tas-soltu u mhux inqas kejk għall-okkażjoni.

Żgur li ħafna minnkom lil P. Karlu tafuh fid-diversi ħidmiet li huwa wettaq, fosthom bħala kappillan fl-isptarijiet u fiċ-ċimiterju, superjur fil-fraternità tal-Furjana, u viċi kappillan fil-parroċċa ta' Marija ta' Lourdes f'San Ġwann. Filwaqt li nawguraw lil dan Ħuna P. Karlu u nroddulu ħajr għal kull ħidma li wettaq fl-għalqa tal-Mulej, min-naħa tagħna nkomplu nwegħduh it-talb tagħna. ■

FR PAUL BUGEJA OFMCap





# IL-MADONNA TAL-LOURDES

Sidtna Marija dehret liċ-ċkejkna tfajla Bernardina, tfajla sempliċi bint familja fqira iżda leali, b'fidi kbira fis-Sinjur Alla. Missierha kien jitħan id-dqiq għall-għajxien tal-familja.

# BRODU TAT-TIĠIEĠ U DUMPLINGS



**Ingredjenti:**

- 2 litri ilma
- 2 Isdra tat-tiġieġ imqattgħa biċċiet żgħar
- basla mdaqqsa mqattgħa żgħira
- melħ u bżar
- werqa randa
- 4 karrottiet imdaqqsa mqattgħa żgħar
- 3 werqiet karfus frisk imqatta' żgħir

- **Tisjir:**
- Itfa' kollox flimkien u sajjar fuq nar bati.
- Sakemm isir lesti d-dumplings.

**Għandek bżonn:**

- 250gr dqiq plain
- 3 kuċċarini baking powder
- 1/2 kuċċarina melħ
- 2 mgħaref butir kiesaħ
- ftit ħalib
- 3 mgħaref tursin niexef

**Tisjir:**

- Ħallat flimkien ġo skutella d-dqiq, il-baking powder, il-melħ u t-tursin.
- Qatta' f'biċċiet zghar il-butir kiesaħ u ħallat mad-dqiq u ħalltu flimkien bis-swaba, jiġi qisu frak tal-ħobż.
- B'furketta għaffeġ it-taħlita hekk kif iżżid bil-mod il-ħalib sakemm tifforma għaġina.
- Ħu t-taħlita ħdejn il-borma tal-brodu wara li tkun ilha ssir għal xi 45 minuta u bi mgħarfa ħu mit-taħlita u fforma bħal blalen żgħar u itfa' fil-borma.
- Wara 10 minuti li tkun tfajt il-blalen kollha tista' sservi.

FR WISTIN ATTARD OFMCap



# TISLIBA NRU 183



1. Minħabba s-Saltna qegħdin *issofru*. (2 Tess. 1, 5) (5)
2. Dan indaħal għal Tobit. (Tob. 1, 22) (6)
3. ... u ntafa' fuqu. (2 Sam. 1, 15) (5)
4. Kliem biss, minn dawn xejn. (Mt. 23, 3) (5)
5. Kien mimli b'ġid bla ... (2 Mak. 3, 6) (4)
6. Għażiż u iżjed. (Kol. 4, 9) (5)
7. Raqqad il-qilla tiegħu. (Ġona 1, 15) (5)
8. Nagħman minn Aram. (2 Slat. 5, 20) (5)
9. Alla ... il-ġieħ ta' anzjan. (Dan. 13, 50) (3)
10. Hekk agħmilli mill-ilma kotran. (S. 144, 7) (7)
11. u 12. Hekk hi t-triq. (2 Pt. 2, 16) (6)
13. Meta ddoqq din. (1 Kor. 15, 52) (6)
14. Hekk jagħmel fuqek Kristu. (Efes. 5, 14) (5)
15. Tagħmel ħafna minnu. (Hos. 10, 1) (5)
16. Hekk jagħmel b'sebgħu f'demmha. (Num. 19, 4) (5)
17. ... meta jkunu barranin. (3 Ġw. 5) (5)
18. Tħalli lil ħuk *isofri* l-ħsara. (Rum. 14, 15) (7)
19. Dawn jintrefgħu fit-torri. (Għan. 4, 4) (4)
20. Ta' Ġesù din. (Ġw. 2, 5) (3)
21. U ... tlaqqat fir-raba'. (Rt 2, 17) (5)
22. Jiqdiemu bħal din. (Lhud 1, 11) (5)

# AĦSEB U WIEĠEB

1. Tagħmel sinjali biex: tgħin, tqarraq, tferraħ in-nies. (Apk. 13, 14)
2. Xtaqu jaraw u jisimgħu: il-morda, ix-xjuħ, il-profeti. (Mt. 13, 17)
3. Għandkom ħila tixorbu l-kalċi?: le, għandna, ma nafux. (Mk 10, 38-39)
4. Illum rajna ħwejjeġ: tal-għaġeb, kbar, tas-sħaħar. (Lq. 5, 26)
5. Xi Fariżej staqsewh kinux ukoll: torox, għomja, boloh. (Ġw. 9, 40)
6. Sawl, għaliex qiegħed: tippersegwitani, issawwatni, taħqarni? (Atti 9, 4)
7. Il-Bhima kienet qalgħet daqqa ta': frosta, injama, sejf. (Apk. 13, 14)
8. Jersaq dan u jisraqlu l-kelma. il-Ħażin, il-ħalliel, sieħbu. (Mt. 13, 19)
9. Il-kalċi tixorbuh: forsi, imbagħad, iva. (Mk 10, 39)
10. Isem il-pubblikan: Levi, Toni, Karmnu. (Lq. 5, 27)

Agendabookshop

**Soluzzjoni għal Tisliba #182**

1. Ħalah; 2. Slaten; 3. Staki; 4. Xabla; 5. Tajn; 6. Fidil; 7. Allat; 8. Agagi; 9. Art; 10. Kolonni; 11. u 12. Inċens; 13. Natura; 14. Wasal; 15. Bikri; 16. Ħabib; 17. Trabi; 18. Aħażija; 19. Aqdu; 20. Tir; 21. Aħdar; 22. Ixrob.

**Ir-rebbieħa tax-xahar ta' April 2020**

Ir-rebbieħa ta' kull kompetizzjoni jingħataw żewġ kotba mogħtija ġentilment minn **AGENDA – MILLER DISTRIBUTORS LIMITED**. Ir-rebbieħ jittella' bix-xorti mit-tweġibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mill-15 tax-xahar. Ir-rebbieħa tat-Tisliba Nru 182 huwa: ANTHONY SPITERI ta' 115, Triq il-Lunzjata, Santa Venera. Nistiednu lir-rebbieħ sabiex jiġi jiġbor il-premju mogħti lilu mill-Uffiċċju tal-Missjoni Kapuċċini, il-Furjana.

# 8 MODI KIF TISTA' TGĦIN

## L-EWWEL U QABEL KOLLOX OFFRI T-TALB U S-SAGRIFIĊĊJI TIEGĦEK GĦALL-ĦTIĠIJIET SPIRITWALI TAL-MISSJUNARJI.

**1. BORŻA TA' STUDJU**
sabiex tgħin seminarista jsir saċerdot Franġiskan Kapuċċin. Minbarra li tkun qed tinvesti sabiex tadotta saċerdot, hu jadotta lilek billi jitlob għalik kuljum f'kull quddiesa li jqaddes f'ħajtek u wara mewtek. Kull borża ta' studju tiswa €600.

**2. IBAGĦTULNA BOLOL TAJBIN JEW UŻATI**
Naċċettaw kull tip ta' bolol. Tarmuhomx imma faddluhom u ibagħtuhomlna. **JEW EJJEW IXTRU BOLOL UŻATI**. Kilo bolol użati aħna nbigħuh b'€10.

**3. NAPPREZZAW LI TIBAGĦTULNA RĊEVUTI**
tal-VAT sabiex nidħlu biċ-ċans tal-lotterija u f'każ ta' rebħ kollox imur għall-missjoni. Importanti li l-irċevuti jkunu għandna mhux aktar tard mit-8 tax-xahar rispettiv. Fix-xahar ta' Marzu, permezz tal-irċevuta tal-VAT mibgħuta lilna minn Vivienne Attard għax-xirja li għamlet mingħand Park Towers ta' San Ġiljan, irbaħna s-somma sabiħa ta' €8,559.00. F'isem il-missjunarji ngħidulek GRAZZI!

**4. BAZAAR B'RISQ IL-MISSJONI**
Minħabba l-kriżi tal-Coronavirus bħalissa l-bazaar b'risq il-missjoni fil-Furjana huwa magħluq. Għalhekk la qed isir bejgħ u lanqas qed naċċettaw għotjiet għall-bazaar.

**5. QEGĦDIN NOĦORĠU ĦAFNA FLUS FI SPEJJEŻ TAL-POSTA**
sabiex inqassmu r-rivista *DAWL FRANĠISKAN* minħabba nuqqas ta' distributuri f'ċerti bliet u rħula. OFFRI B'MOD VOLONTARJU S-SERVIZZ TIEGĦEK BIEX TQASSAM IR-RIVISTA FIL-BELT JEW RAĦAL TIEGĦEK. Għandna bżonn: Bormla, parti minn Birkirkara, Tas-Sliema, Paola, Santa Luċija, Ħal Tarxien, l-Imsida u San Ġiljan.

**6. GĦAJNUNA FL-EDUKAZZJONI TAT-TFAL**
B'€10 fix-xahar jew €120 fis-sena tkun qed tgħin tifel jew tifla biex jingħataw edukazzjoni - uniformi tal-iskola u l-ikel fl-iskola. Tingħata l-isem u r-ritratt tat-tifel jew tifla li inti bi mħabba tadotta sabiex tagħtiha l-edukazzjoni b'xejn.

**7. INTENZJONIJIET GĦALL-QUDDIES**
Meta tagħtu flus biex isir quddies għall-missjoni tkunu qed tagħmlu opra ta' karità doppja: tgħinu lill-missjunarji u lill-erwieħ mejtin.

**8. META TIĠI BIEX TAGĦMEL IT-TESTMENT,**
wara li taħseb f'ruħek u fil-familjari tiegħek fittex li tkun ġeneruż/a BILLI TĦALLI XI ĦAĠA B'RISQ IL-MISSJONI.



**Għal aktar tagħrif ikkuntattja lil:**
**Fr Philip Cutajar OFMCap**
**Segretarju tal-Missjoni,**
**Uffiċċju Missjoni Kapuċċini, il-Furjana**
**Telefown: 2123 3874 / 2123 4949 / 2122 5525**
**Imejl: dawlfrangiskan@gmail.com**

BOV Kont Missjoni Kenja 40019998299
HSBC Kont Missjoni Kenja 089-021505-050
APS bank Kont Missjoni Kenja 2000039057-6
BOV Kont Proġett - Hola Kenja 40019994646
HSBC Kont Proġett - Hola Kenja 089-021-505-052